
Noħolqu Skejjel
Inklużivi
Gwida għall-Implimentazzjoni tal-Politika
tal-Kurrikulu Nazzjonali dwar Edukazzjoni Inklużiva
NCC
Focus Group għal Edukazzjoni Inklużiva

# NOĦOLQU SKEJJEL INKLUŻIVI

## Gwida għall-implimentazzjoni tal-politika tal-KMN dwar edukazzjoni inklużiva

*Kunsill tal-Kurrikulu Nazzjonali*

*Focus Group*

**Għal Edukazzjoni Inklużiva**

**Settembru 2002**

Copyright © Ministeru ta' l-Edukazzjoni, 2002

Floriana, Malta

Tel: 21 231374/5; 21 239965; 21 232682

Fax: 21 221634

e-mail: communications.moe@magnet.mt

ISBN: 99909-74-14-4

Dan id-dokument huwa primarjament ibbażat fuq il-politika tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali dwar l-edukazzjoni inklużiva, imma tfassal fuq il-prinċipji, metodu u materjal simili għaliha fix-xoghol ta' Tony Booth u Mel Ainscow (2000), *Index for inclusion: Developing learning and participation in schools.* Bristol: Centre for Studies on Inclusive Education. Dan l-adattament u riproduzzjoni sar skond kuntratt bejn is-*Centre for Studies on Inclusive Education, UK* (Mark Vaughan), u l-Universita' ta' Malta (Dr Paul A. Bartolo) għad-distribuzzjoni tal-materjal għal uzu mhux kummerċjali.

L-ewwel taqsima fil-biċċa l-kbira tagħha hija magħmula minn siltiet dwar l-edukazzjoni inklużiva meħudin mid-dokument tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ta' Malta (1999), *Nibnu l-Futur Flimkien: Kurrikulu Minimu Nazzjonali.* Dawn huma preżentati skond il-proċess ghall-iżvilupp ta' kultura, politika u prattika inklużiva fl-iskejjel imfassla minn Tony Booth u Mel Ainscow (2000).

It-tieni taqsima u l-Appendiċi jikkonsistu f'verżjoni adattata ta' l-indikaturi ta' edukazzjoni inklużiva meħuda mix-xogħol ta' Tony Booth u Mel Ainscow (2000*).*

**Kitba u produzzjoni tal-**

***Focus Group* għal Edukazzjoni Inklużiva tal-Kunsill tal-Kurrikulu Nazzjonali:**

Paul A. Bartolo, Phd.D (Lond.), Psikologu fl-Edukazzjoni u *Lecturer*, Dipartiment tal-Psikoloġija l-Universitaċ ta' Malta (Ko-ordinatur)

Charmaine Agius Ferrante, M.A. (Ed) (L'Borough), Konsulenta fuq is-Sapport fit-Tagħlim, fil-Fundazzjoni *Equal Partners*

Andrew Azzopardi, B.Ed (Hons), Dip. Soċ.Work, M.Ed(Sheffield), Għalliem fi Skola Sekondarja

Louise Bason, B.Psy (Hons), PGCE, M.SC.(Kent), Speċjalista fid-Diżabilitaċ, Servizzi psikoloġiċi fil-Fundazzjoni Eden.

Louisa Grech, B.A. (Gen), Omm ta' tifel bis-sindromu *Down*.

Michael A. King, B.Phil (N'Castle), Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni.

**Ħajr**, għar-reazzjonijiet utli dwar l-abbozz ta' dan id-dokument, lil Bernadette Azzopardi, Ronald Bowman, Ann Marie Callus, Joe Camilleri, Philip Grech, Mary Rose Mifsud, Paul Pace, Vincent Piċċinino, Mario Testa, l-għalliema u faċilitaturi li ppartecipaw fil-kors ta' *Inservice* dwar 'Noħolqu skejjel inklużivi' li sar f'Lulju 2002, sħabna fil-*Focus Groups* li magħhom iddiskutejna dan id-dokument, kif ukoll Dr Cecilia Borg u Mary Vella.

**Disinn tal-Qoxra:** Joseph Micallef

**Stampatur:** *Salesian Printing Press*, Tas-Sliema, Malta.

**L-Ewwel Ħarġa**: 2002.

# Werrej

## L-1 Parti:

## IL-PROĊESS LEJN EDUKAZZJONI INKLUŻIVA


1. L-inklużjoni hija għall-istudenti kollha 1

2. Tliet dimensjonijiet tal-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva 2

3. Prinċipji tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali 3

3.1. Kultura inklużiva 3

3.2. Politika inklużiva 6

3.3. Prattika inklużiva 8

4. Żewġ għanijiet ewlenin tal-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva 11

5. Indikaturi għal edukazzjoni inklużiva 12

6. Kif tuża l-indikaturi 14

7. Kif tieħu sehem fil-proċess ta' edukazzjoni inklużiva 16

7.1. Nagħżlu x'nixtiequ nwettqu l-ewwel 16

7.2. Inwettqu u nirrevedu 17

7.3. Inwaqqfu Grupp Proġett għal Edukazzjoni Inklużiva 17

8. Storja bla tmiem 18


## It-2 Parti:

## INDIĊI GĦALL-INKLUŻJONI


**A. Indikaturi għal kultura ta' skejjel inklużivi** 21

A.1. Nibnu komunita' ta' skola li tilqek 22

A.2. Nistabbilixxu valuri inklużivi 22

**B. Indikaturi għal politika ta' skejjel inklużivi** 23

B.1. Niżviluppaw skola għal kulħadd 24

B.2. Nassiguraw li kulħadd jista' jitgħallem 24

**Ċ. Indikaturi għall-prattika ta' skejjel inklużivi** 25

Ċ.1. Norkestraw it-tagħlim biex inwieġbu għad-diversita' ta' l-istudenti 26

Ċ.2. Nimmobilizzaw ir-riżorsi biex naraw li l-istudenti kollha jitgħallmu u jipparteċipaw 26

***APPENDIĊI:***

**INDIKATURI SPEĊIFIĊI GĦALL-INKLUZJONI**

***A. Noħolqu kultura inklużva***

**A.1. Nibnu komunitaċ**

A.1.1. Kull membru tal-komunitaċ jħossu li huwa milqugħ. 27

A.1.2. L-istudenti jgħinu lil xulxin. 28

A.1.3. L-istaff jikkollaboraw ma' xulxin. 29

A.1.4. L-istaff u l-istudenti jittrattaw lil xulxin b'rispett. 30

A.1.5. Hemm sħubija bejn l-istaff u l-ġenituri/kustodji. 31

A.1.6. L-istaff u l-membri tal-kunsill ta' l-iskola jaħdmu tajjeb flimkien. 32

A.1.7. Il-komunitajiet lokali kollha huma involuti fl-iskola. 33

**A.2. Nistabbilixxu valuri inklużivi**

A.2.1. L-iskola għandha aspirazzjonijiet għoljin għal kull student. 34

A.2.2. L-istaff, l-istudenti, il-ġenituri/kustodji u l-komunitaċ jaqsmu bejniethom filosofija ta' inklużjoni. 35

A.2.3. L-istudenti huma stmati indaqs. 36

A.2.4. L-istaff u l-istudenti huma stmati bħala bnedmin. 37

A.2.5. L-istaff jara li jneħħi kull tip ta' xkiel li jista' jtellef milli wieħed jitgħallem jew jipparteċipa fl-attivitijiet ta' l-iskola. 38

A.2.6. L-iskola tistinka biex ixxejjen kull forma ta' diskriminazzjoni u sterjotipizzazzjoni. 39

***B. Noħolqu politika inklużiva***

**B.1.Niżviluppaw skola għal kulħadd**

B.1.1. L-impjieg ta' l-istaff u l-promozzjonijiet ikunu ġusti. 41

B.1.2. L-istaff il-ġdid kollha jħossuhom milqugħa u stmati. 42

B.1.3. L-iskola taċċetta studenti irrispettivament mill-kisbiet jew diżabilitaċ tagħhom. 43

B.1.4. L-iskola tagħmel il-bini fiżikament aċċessibbli għall-persuni kollha. 44

B.1.5. L-istudenti ġodda kollha jingħataw is-sapport biex iħossuhom milqugħa u 45

jissetiljaw fl-iskola.

B.1.6. L-iskola tirranġa l-ġruppi tat-tagħlim b'mod li l-istudenti kollha jkunu jistgħu jiġu stmati. 46

**B.2 Norganizzaw sapport għad-diversita'**

B.2.1. Kull forma ta' sapport hija ikkoordinata. 48

B.2.2. L-attivitajiet ta' żvilupp għall-istaff jgħinu lill-istaff iwieġeb għall-ħtiġijiet tad-diversita' ta' l-istudenti. 49

B.2.3. Il-politika ta' 'Ħtiġjiet indvidwali' hija politika li tittieħed fuq livell ta' skola sħiħa. 50

B.2.4. Il-provedimenti għal ħtiġijiet edukattivi individwali jintuzaw biex jitnaqqas ix-xkiel għat-tagħlim u tiżdied il-parteċipazzjoni ta' l-istudenti kollha. 51

B.2.5. Il-politika ta' sapport kemm pastorali kif ukoll li għandha x'taqsam ma' l-imġiba hija marbuta ma' l-iżvilupp tal-kurrikulu. 53

B.2.6. Tonqos il-pressjoni biex tintuza t-tkeċċija mill-iskola bħala mezz ta' dixxiplina. 55

B.2.7. Jitnaqqas kull xkiel li jtellef studenti milli jattendu regulari. 57

B.2.8. L-ibbulijar jitnaqqas bis-sħiħ. 59

*Ċ. Nevolvu prattika inklużiva*

**Ċ.1. Norkestraw it-tagħlim biex inwieġbu għad-diversita' ta' l-istudenti**

Ċ.1.1. Il-lezzjonijiet jiżviluppaw għarfien tad-differenzi. 61

Ċ.1.2. L-għalliema jaraw li l-istudenti kollha jingħataw is-sapport meħtieġ biex jitgħallmu u jipparteċipaw. 62

Ċ.1.3. Il-lezzjonijiet huma aċċessibli għall-istudenti kollha. 63

Ċ.1.4. L-istudenti huma attivament involuti fit-tagħlim tagħhom stess. 64

Ċ.1.5. L-istudenti jitgħallmu billi jikkollaboraw ma' xulxin. 66

Ċ.1.6. Il-homework jgħin biex jitgħallem kulħadd. 67

Ċ.1.7. L-assessjar jinkoraġġixxi lill-istudenti kollha biex jimxu 'l quddiem. 68

Ċ.1.8. Id-dixxiplina fil-klassi hija mibnija fuq ir-rispett lejn xulxin. 69

Ċ.1.9. L-istudenti kollha jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' barra mill-klassi. 70

Ċ.1.10. L-għalliema jippjanaw, jgħallmu u jagħmlu reviżjoni fi sħubija ma' xulxin. 71

Ċ.1.11. Il-faċilitaturi jippruvaw li jgħinu fit-tagħlim ta' l-istudenti kollha. 72

**Ċ.2 Nimmobilizzaw ir-riżorsi ta' l-iskola**

Ċ.2.1. Id-differenzi bejn l-istudenti jintużaw bħala riżorsa biex wieħed jgħallem u jitgħallem. 73

Ċ.2.2. Ir-riżorsi kollha ta' l-iskola jitqassmu b'mod ġust bil-għan li tizdied l-inklużjoni. 74

Ċ.2.3. Ir-riżorsi tal-komunitaċ huma magħrufa u uzati. 75

Ċ.2.4. Isir użu sħiħ mill-kompetenzi ta' l-istaff. 76

Ċ.2.5. L-istaff jiżviluppa riżorsi biex isostni t-tagħlim u l-parteċipazzjoni. 77

## TABELLI U FIGURI

L-1 Tabella: Għanijiet u dimensjonijiet tal-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva 12

It-2 Tabella: Erba' livelli possibbli ta' twettiq ta' kull indikatur speċifiku 15

L-1 Figura: Kif nużaw l-Indiċi waqt iċ-ċiklu ta' l-Ippjanar għall-Iżvilupp ta' l-Iskola 16

# Kelmtejn qabel Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ilu min-nofs id-disgħinijiet iwettaq programm ta' edukazzjoni inklużiva biex jassigura aċċess ugwali għall-kurrikulu nazzjonali. Minn dak iż-żmien, saru kisbiet sinifikanti li taw bidu għal toroq ġodda. Dawn jinkludu:

- Il-ħolqien tal-Kumitat Ministerjali ghal Edukazzjoni Inklużiva (MCIE) – korp ghall-iżvilupp ta' politika (fis-sens ta' *policy*), magħmul minn rappreżentanti tas-setturi ta' l-Edukazzjoni, tal-Ġid Soċjali u tas-Saħħa, l-unjon tal-għalliema, u gruppi attivi fil-qasam tad-diżabilitaċ.

- Il-pubblikazzjoni, wara konsultazzjoni wiesgħa ma' dawk li għandhom sehem fih, ta' Kurrikulu Nazzjonali li jiddikjara l-Inklużjoni bħala wieħed mill-għanijiet l-aktar strateġiċi tiegħu.

- L-użu ta' grupp ta' kważi 500 assistenti tal-klassi għal ħtiġijiet speċjali li jagħtu sapport lil aktar minn 650 student/a bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.

- It-tfassil u twettiq ta' korsijiet ta' Ċertifikat u ta' Diploma fl-Universitaċ għall-faċilitaturi ta' Edukazzjoni Inklużiva immirati għal assistenti tal-klassi għal ħtiġijiet speċjali.

- Il-pubblikazzjoni u tixrid ta' dokument għal politika nazzjonali dwar l-Inkluzjoni ta' studenti b'diżabilitaċ, li jfisser il-linji gwida nazzjonali dwar il-proċessi, kemm informali u formali, ta' kif għandhom jiġu ppreparati Programmi Edukattivi Individwali (IEPs) għal studenti b'diżabilitaċ, u l-metodu ta' assessjar li jwassal biex jinħareġ *Statement* li jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar x'tip ta' sapport jeħtieġu dawn l-istudenti.

- It-twaqqif ta' *Statementing Moderating Panel* u *Appeals Board* li issa huwa allokat fiċ-Ċentru Nazzjonali għall-Inklużjoni.

- It-twaqqif taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Inklużjoni fl-Imsida.

- Il-provediment ta' għalliema li jduru l-iskejjel għal studenti neqsin mis-smigħ fl-iskejjel regolari.

- Il-verifika ta' l-aċċessibilitaċ ta' l-iskejjel li qed tagħmel il-Fundazzjoni għall-Iskejjel t'Għada u skema relatata li biha l-iskejjel jistgħu jagħmlu l-addattamenti meħtieġa.

- Il-pubblikazzjoni ta' numru ta' dokumenti ta' politika mmirata biex l-iskejjel isiru aktar inklużivi. Dawn jinkludu: "Arranġamenti speċjali għall-eżamijiet għal studenti bi ħtiġijiet speċjali"; "Politika, pjan u linji gwida kontra l-ibbulijar"; "L-imġiba tajba fl-iskejjel: Proċeduri għall-iskejjel"; "*Tackling substance abuse: Guidelines for schools*"; u dokument li qed jiġi mfassal mill- Kumitat Ministerjali għal Edukazzjoni Inklużiva fuq "L-amministrazzjoni tal-mediċina lil studenti fl-iskejjel".

- Tibdil fil-liġijiet li qed jiġu mfassla għall-Kunsilli ta' l-iSkola li bihom il-ġenituri jkollhom opportunitajiet aħjar u aktar drittijiet u responabbiltajiet biex jipparteċipaw f'materji ta' l-iskola.

- It-twaqqif ta' Kunsilli ta' l-iStudenti fil-livelli sekondarji ta' l-iskejjel li bihom l-istudenti jistgħu jipparteċipaw aktar bi sħiħ fl-affarijiet ta' l-iskola.

Kif wieħed jista' jara, il-Ministeru huwa mpennjat biex jassigura li l-iskejjel isiru komunitajiet inklużivi ta' studenti diversi. Dan id-dokument huwa għodda oħra biex jgħin il-komunitajiet ta' l-iskejjel jassessjaw kemm imxew 'il quddiem f'dan l-għan komuni. L-għodda hija ġabra ta' indikaturi ta' suċċess rikonoxxuti professjonalment u li l-membri tal-komunitaċ ta' l-iskola jistgħu jużaw biex jassessjaw l-isforz kollettiv tagħhom biex jagħmlu l-iskola tassew waħda inklużiva.

Użawh u għidulna dwar l-isforzi tagħkom biex, flimkien, inkunu nistgħu niċċelbraw il-kisbiet tagħna lkoll.

*Louis Galea*

# Messaġġ
# Id-Director Ġenerali ta' l-Edukazzjoni

Dan id-dokument, *Noħolqu skejjel inklużivi*", imfassal mill-*Focus Group* għal Edukazzjoni Inklużiva, jiftaħ toroq ġodda b'żewġ modi. L-ewwelnett nieħdu pjaċir li dan jipprova jindirizza tema li hija wisq għal qalbna, u t-tieninett joffri mod ġdid ta' kif għandna nimplimentaw politika (fis-sens ta' *policy*).

Id-dokument jenfasizza l-importanza li nirrikonoxxu d-diversita' ta' ħtiġijiet edukattivi ta' kull tifel u tifla fdati f'idejna. L-iskejjel ikunu tassew inklużivi meta fil-kurrikuli, fir-riżorsi u fil-kultura tagħhom jaċċettaw *a priori* li teżisti medda wiesgħa ta' ħtiġijiet edukattivi li jinkludu l-ħtiġijiet speċjali tat-tfal b'diżabilitaċ kif ukoll ta' dawk it-tfal b'ħafna talent/i.

Id-dokument jenfasizza li l-filosofija u strateġija ta' politika li tassew tinkludi lil kulħadd mhijiex responsabbiltaċ ta' xi grupp ta' skejjel partikulari, ta' xi grupp ta' edukaturi partikulari, jew ta' xi grupp ta' uffiċċjali edukattivi partikulari. Kollha kemm aħna jeħtieġ nitgħallmu li l-ħolqien ta' skejjel inklużivi irid jissejjes fuq perspettiva fundamentali li tolqot il-ħidma kollha tagħna u li għandu/ha jħaddan kull wieħed u waħda minnha.

Il-*Focus Group,* fil-fehma tiegħi, għażel l-istrateġija t-tajba meta fassal għodda li biha skola tista' tevalwa ruħha fil-qasam ta' l-edukazzjoni inklużiva. Ġie rikonoxxut li numru ta' skejjel diġaċ mxew 'il quddiem fl-implimentazzjoni ta' xi aspetti ta' l-edukazzjoni inklużiva fil-komunitaċ tagħhom. L-iskejjel mistennija li jibnu fuq it-tajjeb li għandhom f'dan il-qasam meta jagħmlu awto-evalwazzjoni sistematika, li din imbagħad isservi bħala s-sies għal pjan ta' azzjoni għal kull skola individwali.

*Charles Mizzi*

# Messaġġ
# Id-Direttur tal-Kurrikulu

Fil-Kurrikulu Nazzjonali, *Inwelldu l-ġejjieni flimkien* (1999), il-komunitaċ Maltija għamlet stqarrija ċara ħafna li l-politika ta' Edukazzjoni ta' Kwalitaċ għal kulħadd hija mibnija fuq prinċipji ta' edukazzjoni inklużiva. Dan fisser li l-edukazzjoni Maltija hija waħda li tiċċelebra d-diversita', li tqis id-differenzi fl-istudenti mhux bħala sfida biss, imma bħala riżorsa, u li hija mpennjata biex tipprovdi għall-kwalitajiet, ħtiġijiet u aspirazzjonijiet ta' kull student u studenta.

Din il-viżjoni issa hija waħda komuni għal kulħadd: fl-iskejjel, fost il-ġenituri, fil-kunsilli ta' l-iskola u fost il-komunitaċ aktar wiesgħa, u l-prinċipju ta' edukazzjoni inklużiva huwa bla dubju ta' xejn l-aktar wieħed imfaħħar minn dawk li juru interess fil-Kurrikulu Nazzjonali. Il-Pjan Strateġiku li tfassal wara l-Kurrikulu beda jindirizza l-ħidma ta' implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju, u l-Kunsill tal-Kurrikulu Nazzjonali waqqaf *Focus Group* speċifikament għal edukazzjoni inklużiva. Dan id-dokument, *Noħolqu skejjel inklużivi*, huwa wieħed mill-ewwel inizzjattivi ta' dan il-*Focus Group*.

Il-ħidma biex din il-viżjoni ssir realtaċ teħtieġ impenn. Il-proġett ukoll jeħtieġ li jkollu sapport għaqli ta' riżorsi, imma fuq kollox, dan għandu jkun eżerċizzju kontinwu ta' riċerka, żvilupp, implimentazzjoni u evalwazzjoni ta' ideat u ta' prattiċi.

Id-dokument *Noħolqu skejjel inklużivi* jipprovdi gwidi utli għal dan l-eżerċizzju. Jankra t-teorija fil-prattiċi konkreti ta' kuljum u, bl-indikaturi, joffri għodda effettiva għall-assessjar u żvilupp ġdid. Dan hu materjal li minnu jistgħu jinbnew prattiċi effettivi.  Huwa ċ-ċavetta għal implimentazzjoni kurrikulari BIL-FATTI u mhux biss BL-INTENZJONI.

L-esperjenza wrietna li l-implimentazzjoni ta' kurrikulu teħtieġ iktar minn impenn tal-kelma. Teħtieġ sapport ġenwin u sustanzjali, involviment attiv u parteċipazzjoni mħeġġa. Inizzjattiva qatt ma jkollha dawn il-kwalitajiet jekk ma jassumux responsabbiltaċ tagħha dawk li huma l-aktar milquta minnha. Bl-isforz li sar biex dan id-dokument jagħmluh tagħhom dawk kollha li jolqothom u li għandhom sehem fit-twettiq tiegħu, il-*Focus Group* għal Edukazzjoni Inklużiva qed jassigura li dawn kollha jagħmlu tagħhom il-politika inklużiva tal-Kurrikulu Nazzjonali.

*Mary Vella*

# Messaġġ
# Il-President - Malta Union of Teachers

*"Tfal li jitgħallmu flimkien, jitgħallmu jgħixu flimkien."*

Xi snin ilu, fil-bidu tad-disgħinijiet, l-idea ta' edukazzjoni inklużiva, speċjalment li tfal b'diżabilitaċ jkunu fi skejjel regolari, kienet għadha qed titwieled. Meta f'Lulju, 1995, il-*Malta Union of Teachers* iffirmat ftehim kollettiv għall-gradi ta' *Kindergarten Assistant*, inħoloq post ġdid ta' *Facilitator* u ġie miftiehem li l-faċilitaturi li jgħinu lil tfal bi ħtiġijiet speċjali fl-iskejjel regolari jieħdu t-taħriġ biex ikunu jistgħu jgħinu fil-ħtiġijiet varji ta' tfal b'diżabilitajiet differenti.

Illum hemm madwar 600 tifel u tifla b'diżabilitajiet differenti li jattendu skejjel regolari, u din hija tassew kisba ta' ħila kbira. Fil-bidu, l-għalliema kienu kawti dwar kemm dan il-kunċett ġdid jista' jirnexxi. Bil-mod il-mod bdew jaraw li dan kien pass fid-direzzjoni t-tajba.

Il-*Malta Union of Teachers* dejjem kienet minn ta' l-ewwel biex iġġib 'il quddiem l-inklużjoni, imma dejjem insistiet li tfal b'diżabilitajiet mill-inqas jew moderati biss setgħu jibbenefikaw minn dan, u li l-iskejjel speċjali kellhom jibqgħu jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet ta' dawk b'diżabilitajiet severi, fil-waqt li naraw li dawn ikunu attrezzati kif suppost u jkollhom l-faċilitajiet meħtieġa u l-istaff ikkwalifikati biex jagħtu s-sapport taħhom bl-aktar mod professjonali.

L-edukazzjoni ta' tfal b'diżabilitaċ fl-iskejjel regolari ġabet bidla sħiħa fil-mentalitaċ ta' l-għalliema u l-faċilitaturi li issa tgħallmu japprezzaw id-diversita' tal-familjla umana u ndunaw aktar minn qatt qabel li l-istudenti kollha għandhom il-kwalitajiet tajba tagħhom. U għalhekk naraw l-importanza ta' tagħlim individwalizzat. L-għalliema u l-faċilitaturi qegħdin ukoll jiżviluppaw ħiliet fit-*teamwork* u jitgħallmu modi differenti ta' kif iħarsu lejn l-isfidi bil-parteċipazzjoni tagħhom f'timijiet multidixxiplinarji.

Il-*Focus Group* għal Edukazzjoni Inklużiva għandu r-responsabbiltaċ li jipprovdi opportunitajiet lill-għalliema u 'l-faċilitaturi biex jesperjenzjaw id-diversita' tas-soċjeta' fi skala iżgħar ġo klassi. Irid jiżviluppa u jxettel fl-edukaturi kollha l-fehma li kulħadd għandu kwalitajiet u ħiliet uniċi. Dan jgħin lil tfal bi ħtiġijiet speċjali biex huma wkoll jibdew iħossuhom li huma parti mill-komunitaċ diversa tagħna.

*John Bencini*

## Messaġġ
## Il-President - Assoċjazzjoni Kunsilli ta' l-iSkejjel

L-inklużjoni qiegħda fil-qalba tal-proċessi għall-iżvilupp ta’ l-iskola. Il-ġenituri, li huma fost dawk li għandhom sehem ewlieni fil-qasam ta’ l-edukazzjoni inklużiva, żgur li jilqgħu din l-għodda ġdida li tista’ tgħinhom jifhmu sa fejn qoiegħda tasal l-iskola biex twieġeb għad-diversita’ ta’ l-istudenti.

Din l-għodda ġdida mhija xejn iżjed ħlief għodda. Mhijiex skop fiha nnifisha, imma mezz biex issir evalwazzjoni parteċipattiva tal-mixja kointinwa lejn l-inklużjoni. Din l-għodda hi msejsa fuq erba’ prinċipji li ma nistgħux ninjoraw aktar:

- Li l-iskejjel żviluppaw, jew qegħdin fil-proċess li jiżviluppaw, politika inklużiva, jew li digaċ għandhom maħsuba xi miżuri dwar l-inklużjoni fil-Pjan għall-iŻilupp ta’ l-iSkola;
- Li kemm l-amministraturi u l-għalliema fl-iskejjel ġew imħarrġa biex jiffaċilitaw il-proċessi ta’ l-inklużjoni fl-iskejjel rispettivi tagħhom;
- Li l-ġenituri huma mgħarrfa dwar il-passi li għandhom jittieħdu fil-qasam ta’ l-edukazzjoni inklużiva u kif dawn jolqtu l-livelli fil-qasam tal-ħidma – fil-klassi, fl-iskola;
- Li l-istudenti jifhmu xi tfisser l-inklużjoni biex japprezzaw u jaċċettaw id-differenzi.

Bla dubju ta’ xejn għandna sfida kbira quddiemna lkoll – inklużi l-Kunsilli ta’ l-iSkola.

X’inhu r-rwol tal-Kunsilli ta’ l-iSkola fl-applikazzjoni ta’ dan id-dokument ġdid? Il-Kunsilli ta’ l-iSkola għandhom ikunu nvoluti mill-qrib fl-awto-evalwazzjoni li l-iskola tagħmel fuqha nnifisha u fl-għażla tal-miri għat-titjib ta’ l-iskola permezz ta’ l-iżvilupp tal-politika għall-iskola u l-Pjan ta’ l-iŻvilupp ta’ l-iSkola. Issa li hemm dokument komuni dwar l-iskopijiet li tista’ tilħaq l-iskola, il-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-bqija tal-komunitaċ ta’ l-iskola tista’ titjieb, speċjalment f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-edukazzjoni inklużiva. L-istudenti wkoll jistgħu jiġu nvoluti f’dan il-proċess parteċipattiv ta’ evalwazzjoni. Dak li joħroġ minn dawn l-eżerċizzji jista’ jiġi diskuss f’laqgħat ta’ żvilupp għall-għalliema biex jistgħu joħorġu l-implikazzjonijiet għal aktar titjib u jitfasslu miżuri oħra. L-iskejjel jistgħu ukoll jifthu djalogu ma’ skejjel oħra bl-*email* biex jaqsmu bejniethom prattiċI li jwasslu għas-suċċess.

Noħolqu skejjel Inklużivi

F'isem l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli ta' l-iSkejjel, nawgura suċċess fl-applikazzjoni ta' din l-għodda ġdida u nistieden lill-iskejjel jaqsmu magħna dak li jista' joħroġ mill-użu kontinwu tagħha.

*Frans Borg*

# L-1 Parti

# IL-PROĊESS LEJN EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

## 1. L-inklużjoni hija għall-istudenti kollha

L-inklużjoni hija impenn tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (KMN) li tolqot l-istudenti *kollha*. L-idea ta' edukazzjoni inklużiva tqanqlet l-ewwelnett minħabba diffikultajiet li bdew iħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti bi Htiġijiet Edukattivi Individwali (*Individual Educational Needs: IEN*[1]) biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-sistema edukattiva regolari. Madankollu, illum qed naraw li l-istess sfidi ta' inklużivitaċ jolqtu tista' tgħid lill-istudenti kollha u lis-sistema edukattiva nnifisha. Kien għalhekk li l-edukazzjoni inklużiva daħlet fil-qalba ta' l-iżvilupp tal-KMN u hija l-qofol ta' l-ewwel prinċipju tal-KMN biex tiġi assigurata "edukazzjoni ta' kwalitaċ għal kulħadd":

[1] Dan id-dokument juża t-terminu studenti bi Htiġijiet Edukattivi Individwali (li l-abbrevjazzjoni *IEN* bl-Ingliż tikkorrispondi għal *Individual Educational Needs*) minflok termini oħra użati s-soltu, bħal ngħidu aħna, studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (*SEN*), studenti b'diffikultajiet fit-tagħlim, b'nuqqasijiet jew b'diżabilitaċ). B'hekk dawn l-individwi ma jiġux ittimbrati bħala studenti speċjali, imma narawhom minflok bħala li jagħmlu parti mid-diversitaċ normali fost l-istudenti kollha. B'dan il-mod huwa mixtieq li aħna nibdew naraw lill-istudenti kollha bħala li qegħdin f'medda wiesgħa ta' ħtiġijiet komuni u individwali li wieħed għandu jipprovdi għalihom fl-edukazzjoni regolari. L-idea ta' edukazzjoni inklużiva għandha tgħinna nqisu lill-istudenti kollha bħala individwi li li għandhom drittijiet indaqs ghat-taghlim, imma bi ħtiġijiet diversi. L-arranġamenti edukattivi ghalhekk ghandhom jitqiesu jew bhala ġenerali (għall-istudenti kollha) jew bhala individwali (għal student partikolari). Dan it-terminu jorbot direttament mal-kuncett ta' Programm Edukattiv Individwalizzat (*Individual Educational Programme: IEP*) li jissettja dawk il-provedimenti li huma individwalizzati għal dak l-istudent partikolari. Htiġijiet Edukattivi Individwali jistghu jinkludu ħtiġijiet għal provedimenti partikulari ghal studenti b'hafna talent/i.

> L-għan aħħari tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali huwa li joħloq kultura edukattiva li tiżviluppa l-potenżjal ta' l-istudenti individwali mingħajr ma jiddgħajfu l-prinċipji tas-solidarjetà u l-kooperazzjoni. (KMN, L-ewwel Prinċipju)

Edukazzjoni Inklużiva fil-qofol tagħha titlob li jkun hemm rispett għad-diversita' ta' l-istudenti li jkun msejjes fuq "responsabbiltaċ morali" tas-soċjetaċ li

> Temmen fit-twessigħ fil-parametri demokratiċi, fit-tkattir tal-kultura parteċipatorja, fid-difiża tad-drittijiet bażiċi ta' l-ulied, fil-ħidma kontinwa kontra dak kollu li jista' jxekkel il-ħiliet differenti ta' l-istudenti, u fil-ħarsien u t-tisħiħ ta' dak kollu li pajjiżna rnexxielu jikseb fil-qasam soċjali u kulturali. (KMN, it-Tmien Prinċipju)

It-twettiq ta' dan il-prinċipju huwa mibni fuq l-għarfien tad-diversita' ta' l-istudenti kienet x'kienet r-raġuni ta' din id-diversita' u mhux esklussivament dik ta' diżabilitaċ (bħal ngħidu aħna meta xi studenti jkollhom ħafna talent/i):

> L-edukazzjoni inklużiva għandha tinftiehem bħala l-impenn tal-komunitaċ edukattiva lejn għarfien sħiħ tad-differenżi individwali u t-twettiq ta' politika ta' inklużjoni. Dan il-kunċett jagħraf il-firxa sħiħa ta' interessi, potenżjal u bżonnijiet edukattivi ta' l-istudenti. (KNM, It-Tmien Prinċipju)

## 2. Tliet dimensjonijiet tal-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva

L-inklużjoni hija attitudni ħolistika li għandha tintiseġ fl-esperjenżi kollha ta' l-iskola fost l-istaff, l-istudenti, il-ġenituri u l-komunitaċ. Din il-viżjoni wiesgħa ta' edukazzjoni inklużiva tkun assigurata billi naħdmu fi tliet dimensjonijiet ewlenin li jidħlu f'xulxin u li nsibuhom fl-esperjenża edukattiva. Dawn huma l-kultura, il-politika (fis-sens ta' *policies*) u l-prattika (Ara Booth u Ainscow, 2002):

### Dimensjoni A: Kultura:

Biex tinħolqu kultura inklużiva fl-iskejjel jinħtieġ li jkun hemm it-trawwim ta' dak it-twemmin u s-sistema ta' valuri li joħolqu komunitaċ assiguranti, li taċċetta, li tikkollabora u li tistimula lill-istudenti *kollha.*

### Dimensjoni B: Politika:

L-iżvilupp ta' politika inklużiva fl-iskejjel teħtieġ l-introduzzjoni ta' għanijiet ċari biex tinġieb 'il quddiem l-inklużjoni fil-Pjanijiet ta' l-Iżvilupp ta' l-Iskejjel flimkien ma' linji ta' gwida oħra għall-prattika fit-tmexxija, kif ukoll fil-mod kif wieħed jgħallem u jitgħallem fl-iskejjel.

**Dimensjoni Ċ: Prattika:**

L-organizzazzjoni ta' prattika inklużiva fl-iskejjel jeħtieġ li tkun tirrifletti kultura u politika ta' skejjel inklużivi billi tassigura li fil-klassi, u fl-attivitajiet li jmorru lil hinn mill-kurrikulu, titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' l-istudenti kollha u jsir użu bis-sħiħ mill-għerf u l-esperjenżi tagħhom 'l barra mill-iskola.

## 3. Prinċipji tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali

### *3.1. Kultura inklużiva*

Kultura inklużiva tqis l-edukazzjoni bħala aspett wieħed biss li jwassal għall-għan li tiġi żviluppata soċjetà inklużiva. għalhekk il-KMN jirreferi għal "ċelebrazzjoni tad-differenża", "sens ta' ġustizzja soċjali u solidarjetà", "valuri u soċjalizzazzjoni", "responsabbiltà morali", "soċjetà demokratika", u "politika ta' inklużjoni":

- **Iċ-ċelebrazzjoni tad-differenża:**

  Kull skola hi mogħnija b'repertorju vast ta' ħiliet, esperjenżi u bżonnijiet. Din id-diversita', imlaqqgħa mad-differenżi individwali u soċjali li jsawru lill-istudenti, titlob pedagoġija li tirrispetta u tiċċelebra l-kalejdoskopju ta' realtajiet u stejjer personali li jiddefinixxu kull klassi f'kull skola f'Malta. (KMN, p. 30)

  It-tfal li m'għandhom l-ebda diżabilità għandhom jingħataw l-opportunità li jkunu edukati flimkien ma' tfal b'diżabilità. (*L-Edukazzjoni speċjali f'Malta: Policy nazzjonali,* 1993, para 2)

  Id-diversita' ma titqiesx bħala problema li aħna rridu nirbħu, imma bħala riżorsa għanja biex insostnu t-tagħlim ta' kulħadd. (Booth u oħrajn, p. 12)

- **Komunità ta' skola li tilqa' lil kulħadd:**

  Hemm il-ħtieġa li nbiddlu s-sistema kollha ta' l-edukazzjoni minn waħda ta' esklużjoni - kif inhija dik li għandna bħalissa li hija mibnija fuq l-eżamijiet li jagħżlu 'l xi wħud u jwarrbu lill-bqija - għal waħda li tilqa' u tfittex li teduka lill-istudenti kollha. (KMN Grupp ta' Ħidma dwar Edukazzjoni Inklużiva, f'Giordmaina, 2000, p. 45)

- **Ġustizzja soċjali u solidarjetaċ:**

  F'soċjetaċ demokratika, mhux biss għandu jinstema' kulħadd imma l-vuċi ta' kulħadd għandha tiġi rrispettata. . . . Il-proċess edukattiv għandu jikkultiva fost l-istudenti sens ta' ġustizzja soċjali u solidarjetaċ. (KMN, p. 25)

  Sakemm il-pajjiż jasal biex iwettaq il-proġett ta' inklużjoni sħiħa, il-komunitaċ edukattiva trid tibqa' fidila lejn il-ġustizzja soċjali billi tinvesti l-aktar fit-tfal u ż-żgħażagh li minhabba kawżi differenti jkunu fil-periklu li jirrepetu sena skolastika, ifallu l-iskola, johorġu mill-iskola qabel jagħlqu s-sittax-il sena, jew itemmu l-proċess skolastiku mingħajr il-ħiliet neċessarji, u bi stima baxxa tagħhom infushom. (NMC, p.36)

- **Il-promozzjoni ta' valuri fundamentali:**

  Il-valuri fundamentali ta' l-imħabba, il-familja, ir-rispett, l-inklużjoni, il-ġustizzja soċjali, is-solidarjetaċ, id-demokrażija, l-impenn u r-responsabbiltaċ għandhom jikkostitwixxu l-pedament tal-proċess edukattiv obbligatorju. Dawn il-valuri għandhom jiġu minsuġa f'kull aspett tal-proċess. (KMN, p. 24)

- **F'sistema wiesgħa: l-iskola, il-komunitaċ, in-nazzjon**

  Xkilijiet għal biex wieħed jitgħallem u jipparteċipa, kif ukoll ir-riżorsi biex dawn jitnaqqsu, nistgħu nsibuhom fl-aspetti kollha tas-sistema: fl-iskola; fil-komunitajiet; kif ukoll fil-politika lokali u nazzjonali. Dawn ix-xkilijiet jistgħu jwasslu biex itellfu l-aċċess għall-iskola jew biex jillimitaw il-parteċipazzjoni fiha. (Booth u oħrajn, 2000, p. 13).

- **Solidarjetaċ fost il-kulturi:**

  F'soċjetaċ li kulma tmur qed issir aktar multi-kulturali, is-sistema edukattiva għandha tħarreġ lill-istudenti fl-arti tar-rispett, il-kooperazzjoni u s-solidarjetaċ bejn il-kulturi. (KMN, p. 24)

- **Skejjel inkuživi għal soċjetaċ inkluživa:**

  Skejjel regolari b'orjentazzjoni inkluživa huma l-aktar mezz effettiv biex niġġieldu attitudnijiet diskriminatorji, noħolqu komunitajiet akkoljenti, nibnu soċjetaċ inkluživa u niksbu l-edukazzjoni għal kulħadd . . . (UNESCO, 1994, pp. ix)

### *3.2. Politika inkluživa*

għal dak li għandu x'jaqsam mal-politika inklużiva, id-dokument tal-KMN innifsu huwa dikjarazzjoni wiesgħa ta' politika għat-tixrid ta' l-edukazzjoni inklużiva. Issa hija r-responsabbiltaċ ta' l-iskejjel biex jadottaw il-prinċipji tal-KMN fil-Pjanijiet ta' l-Iżvilupp ta' l-Iskola. Il-ħtieġa ta' dan il-proċess ġie spjegat mill-Grupp ta' Hidma dwar l-Edukazzjoni Inklużiva tal-KMN:

> Kemm fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u fis-soċjetaċ Maltija b'mod ġenerali insibu fehmiet imħawda dwar min fl-aħħar mill-aħħar għandu r-responsabbiltaċ li jwettaq provedimenti edukattivi speċjalizzati f'ambjent ta' inklużjoni. Minħabba li l-kunċett ta' tifel/tifla li jirċievi sapport għalih waħdu minn adult sar ekwivalenti għal "inklużjoni", il-provediment tal-faċilitaturi . . . qed jagħti l-impressjoni falza li l-programm ta' inklużjoni qiegħed isir tassew. Programm edukattiv individwalizzat għal student/a jrid ikun ir-responsabblita' komuni ta' l-għalliem/a fil-klassi, il-faċilitatur u l-ġenituri li, flimkien ma' professjonisti oħra, ifasslu u jimplimentaw il-programm. . .
>
> Biex dan kollu t'hawn fuq isir, jeħtieġ li *l-iskola kollha flimkien mal-Kunsill ta' l-Iskola jidħlu għal impenn bil-miktub biex jassumu formalment ir-responsabbiltaċ li jġibu 'l quddiem il-programm għal Edukazzjoni Inklużiva fl-iskola.* Dan kollu għandu jidher fil-pjan ta' żvilupp ta' l-iskola kif ukoll fl-*etos* ta' l-istess skola. (KMN, Grupp ta' Hidma dwar Edukazzjoni Inklużiva, f'Giordmaina, 2000, pp. 33-34.)

Politika ta' dan it-tip tkun tinħtieġ li jkun hemm impenji speċifiċi biex it-tagħlim jintlaħaq aktar minn kulħadd:

- **Kulħadd ikollu aċċess indaqs għall-edukazzjoni:**

> Il-komunitaċ edukattiva, permezz tal-proċess edukattiv, għandha tara li s-sistema edukattiva tagħti l-istess aċċess lill-istudenti kollha indipendentement mill-ħila, ġdiżabilitaċħ[*], is-sess, ir-reliġjon, ir-razza, l-isfond soċjali, ekonomiku jew kulturali tagħhom. (KMN, p. 25)

---

[*] Tajjeb ninnotaw li l-kelma 'ħila' (*ability*) mhijiex l-istess bħal 'diżabilita'. Fil-kuntest edukattiv, ħila hija ġeneralment meqjusa bl-istess kejl bħal talent akkademiku. Għalhekk student/a b'nuqqasijiet fiżici (nuqqas ta' dawl, smigħ, jew mobilitaċ) jista' jkun, jew tista' tkun, ta' ħila kbira akkademikament, imma xorta ma tkunx tista' tagħmel progress minħabba x-xkilijiet imposti minn preġudizzji fl-attitudnijiet, nuqqas ta' aċċessibilitaċ fiżika f'dak li hu disinn ta' bini u aspetti oħra. Barra minn hekk, meta stqarrijiet kontra d-diskriminazzjoni jsemmu biss 'ħila' jew il-frażi 'ħila jew diżabilitaċ, dawn ikunu jimplikaw li diżabilitaċ hija ekwivalenti għal 'ħila' (*ability*) jew in-nuqqas tagħha, li m'huwa ġust għal ebda persuna b'diżabilitaċ, kemm fiżika kif ukoll intellettwali, ghax huwa ppruvat li dawn il-persuni huma hafna drabi mfixkla milli jilħqu l-potenzjal tagħhom minħabba l-aspettazzjonijiet baxxi u preġudikati ta' l-oħrajn. Jimplikaw ukoll perspettiva simili għall-Mudell Mediku (ta' deficjenza personali) li huwa offensiv għal persuni b'dizabilitaċ.

11. (1) … awtorità jew istituzzjoni edukattiva ma tistax tiddiskrimina kontra -

(a) min japplika biex jiddaħħal bħala student minħabba f'xi diżabilità tiegħu jew xi diżabilità ta' xi wieħed mill-membri tal-familja tiegħu - (i) billi tiċħadlu jew tonqos milli tilqa' l-applikazzjoni tiegħu għal dak id-dħul, jew (ii) fil-patti jew kondizzjonijiet li bihom dik l-awtorità jew istituzzjoni edukattiva tkun lesta li ddaħħlu bħala student; u, jew

(b) student minħabba f'xi diżabilità tiegħu jew xi diżabilità ta' xi wieħed mill-membri tal-familja tiegħu - (i) tiċħadlu l-jedd provdut minn dik l-awtorità jew istituzzjoni edukattiva jew tillimitalu l-jedd għal dak il-benefiċċju; jew (ii) tkeċċih mill-istituzzjoni edukattiva fejn huwa jkun qiegħed jattendi. (*Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità),* 2000, Art. 11)

F'kuntest ta' ambjent skolastiku li jagħraf id-diversita' l-ilsien mitkellem m'huwiex il-forma waħdanija ta' komunikazzjoni umana. Pereżempju, xi studenti jikkomunikaw bil-lingwa tas-sinjali u oħrajn bil-braille. Għalhekk, is-sistema edukattiva trid tiżgura li jeżżistu l-provedimenti neċessarji biex dawk it-tfal kollha li l-'ewwel uksien' tagħhom m'huwiex il-lingwa mitkellma ma jitħallewx barra mis-sistema edukattiva regolari. (KMN, p.36)

- **Sapport mid-dar**

Sistema edukattiva effettiva tagħraf ir-rabta li hemm bejn l-ambjenti tat-trobbija u d-differenzi bejn it-tfal. Fejn hu possibbli, l-edukazzjoni ta' l-ulied għandha tkun imżewwġa ma' programme ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni għall-ġenituri u dawk li qegħdin jieħdu hsiebhom. Studenti mċaħħda minn sistemi ta' appoġġ barra mill-iskola għandhom jingħataw attenzjoni speċjali. (KMN, p.31)

- **Pedagoġija ħolistika li jkollha bħala ċ-ċentru lill-istudent:**

Il-kunċett ta' żvilupp sħiħ tal-persuna jqiegħed lill-istudent fiċ-ċentru tas-sistema. Għalhekk il-kurrikulu għandu jaqdi lill-istudenti u mhux bil-kontra. (KMN, p. 26)

- **Assessjar formattiv**:

Edukazzjoni li tagħraf id-diversita' tqis l-assessjar formattiv bħala indispensabbli fil-proċess tat-twettiq ta' l-aġenda demokratika. Dan għaliex dawn is-sistemi ta' assessjar jiffukaw fuq l-istudenti individwali, b'mod li jkun ta' siwi għalihom.  (KMN, p. 37)

- **Tagħlim f'kooperazzjoni flimkien**:

Il-pedagoġija tal-kooperazzjoni, imsejsa fuq xogħol fi gruppi, għandha tittrasforma l-klassi kompetittiva u individwalista, li s'issa għadha l-klassi tipika tas-sistema edukattiva, f'bejta ta' ħidma kollettiva. Huwa

bid-diskussjoni, bil-bdil ta' l-ideat u bil-kollaborazzjoni waqt xogħol ma' l-oħrajn li aħna niċċaraw l-ideat tagħna, nitgħallmu nistaqsu, nibdlu u nelaboraw il-kunċetti tagħna u niġu esposti għal mudelli u modi differenti ta' ħsieb u azzjoni. (KMN, p. 35)

- **Xogħol f'tim b'mod kollaborattiv**:

    Kważi kulħadd jaqbel li l-aħjar mod kif wieħed jassigura l-aqwa sapport għal tfal bi Htigijiet Edukattivi Individwali huwa bil-kollaborazzjoni bejn il-professjonisti u l-ġenituri nvoluti fl-għajnuna li jagħtu għall-edukazzjoni tat-tfal. . . . Hemm bżonn li tiġi żviluppata l-kollaborazzjoni u l-ħidma f'tim. (KMN, Grupp ta' Hidma dwar Edukazzjoni Inklużiva, f'Giordmaina, 2000, p.36)

- **Ċentri speċjalizzati biex jgħinu fl-inklużjoni:**

    L-iskejjel speċjali li għandna s'issa jistgħu jkunu parti integrali u ta' valur, mis-sistema inklużiva billi jassumu rwol akbar ta' sapport. għalhekk hemm bżonn li dawn jiġu żviluppati f'ċentru ta' riżorsi materjali u umani, fejn wieħed ikun jista' jsib pariri professjonali kif ukoll tagħmir speċjalizzat. Hemm bżonn li dawn jagħtu sapport speċjalizzat lill-għalliema u lill-istudenti fi sfond inklużiv u jservu bħala l-promoturi għall-introduzzjoni ta' metodi innovattivi għall-edukazzjoni ta' tfal bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. . . . Il-prattika preżenti li fiha jintużaw ir-riżorsi u l-ispeċjalizzazzjoni tal-NGOs biex jgħinu lill-għalliema u lill-faċilitaturi fi skejjel regolari, trid titkompla wkoll. (KMN, Grupp ta' Hidma dwar Edukazzjoni Inklużiva, f'Giordmaina, 2000, p. 35)

- **L-istaff kollu għandu jkun inkluż ukoll:**

    J'Alla dan il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jġib bidla fil-mentalitaċ sabiex l-iskejjel tagħna, minn sempliċi skejjel ta' istruzzjoni, jersqu aktar lejn edukazzjoni ta' valuri etiċi u morali, żvilupp ta' ċittadini responsabbli, u fuq kollox fejn fl-iskejjel tagħna t-tfal u l-istudenti jkunu ferħanin f'ambjent li jilqgħek, u mdawrin b'għalliema kuntenti fil-professjoni tagħhom, biex flimkien nersqu lejn millennju ġdid b'kuraġġ u determinazzjoni. (Messaġġ mill-President tal-MUT, KMN, p. 11)

    L-inklużjoni għandha tgħin fit-titjib ta' l-iskejjel għall-istaff kif ukoll għall-istudenti. (Booth u oħrajn, 2000, p. 11)

### *3.3. Prattika inklużiva*

F'dak li għandu x'jaqsam ma' prattika inklużiva, il-KMN jenfasizza l-importanża tal-parteċipazzjoni mill-istudenti kollha fil-proċess ta' edukazzjoni ta' kwalitaċ. Fil-KMN insibu viżjoni kulturali għal edukazzjoni inklużiva li

kulħadd jaqbel magħha u li ssostni li t-tfal kollha għandhom iħossu li huma membri sħaħ tal-iskola tagħhom billi jipparteċipaw bis-sħiħ fil-programm ta' l-iskola:

- **Tagħlim u progress għat-tfal kollha:**

  Filwaqt li l-istrutturi legali għandhom l-għan li jiggarantixxu l-aċċess għas-sistema edukattiva, il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali għandu jservi ta' kuntest fejn it-tfal kollha, mingħajr ebda eċċezzjoni, jipparteċipaw fil-bini kontinwu ta' l-għerf personali u kollettiv, jiffurmaw attitudnijiet, u jitħarrġu f'dawk il-ħiliet li l-komunitaċ tqis li huma bażiċi u neċessarji għall-iżvilupp sħiħ tal-persuna. (KMN, pp. 29-30)

- **Kull student jiġi pprovdut b'edukazzjoni ta' kwalitaċ:**

  Il-KMN jimpenja lill-istat biex jassigura l-aħjar esperjenżi edukattivi possibbli għall-istudenti kollha, huma x'inhuma r-realtajiet soċjali u l-ħiliet tagħhom. (KMN, p. 30)

- **Identifikazzjoni bikrija tal-potenżjal u l-ħtiġijiet ta' kull student:**

  Biex dan il-prinċipju jsir realtaċ l-komunitaċ edukattiva trid tipprovdi sistema li minn kmieni taħseb biex tidentifika l-potenżjal u l-bżonnijiet ta' l-istudenti kollha biex b'hekk ikunu jistgħu jitfasslu programmi li jżommuhom fuq il-binarju tal-progress. Il-KMN jipprovdi spażji biżżejjed lill-iskejjel biex dawn jindirizzaw ir-realtajiet edukattivi ta' l-istudenti tagħhom. Permezz ta' din l-awtonomija relattiva, l-iskejjel ikunu jistgħu jżewġu l-garanżija ta' pakkett edukattiv bażiku lil kulħadd ma' rimedji speċjalizzati mnebbħa mill-bżonnijiet partikulari ta' l-istudenti. (KMN, p. 30)

- **Kurrikulu varjat għax l-istudenti jitgħallmu b'modi differenti minn xulxin:**

  Studenti differenti jipproċessaw it-tagħlim b'modi differenti. Hemm studenti li jitgħallmu l-aktar permezz ta' esperjenżi konkreti; studenti oħrajn kapaċi jaħdmu l-aktar b'metodi astratti. Oħrajn jitgħallmu l-aktar f'kuntest didattiku. Hemm dawk li għandhom xeħta solitarja u oħrajn li jippreferu l-gruppi. L-għalliema għandhom ikunu konxji ta' dawn id-differenżi u l-implikazzjonijiet pedagoġiċi tagħhom b'mod li jkunu f'pożizzjoni aktar informata biex jippjanaw għal dawk l-isfidi pedagoġiċi billi jipprovdu esperjenżi differenti ta' tagħlim. (KMN, p.31)

- **Għandu jkun hemm provediment għal rati differenti ta' żvilupp:**

  Filwaqt li r-riċerka indikat in-normi ta' l-iżvilupp, huwa fatt magħruf li mhux l-istudenti kollha jiżviluppaw bl-istess rata. L-istudenti għandhom jingħataw il-ħin u l-għajnuna neċessarja biex jibqgħu għaddejjin fit-triq ta' l-iżvilupp personali tagħhom. (KMN, p. 31)

- **Għandha tiġi assigurata parteċipazzjoni wiesgħa:**

L-inklużjoni fl-edukazzjoni tinvolvi l-proċess ta' tkattir tal-parteċipazzjoni ta' l-istudenti fil-kulturi, kurrikuli u komunitajiet ta' l-iskejjel lokali filwaqt li jitnaqqas iċ-ċans li jiġu esklużi minnhom. (Booth u oħrajn, 2000, p. 12)

- **Is-sapport huwa parti integrali f'kull tagħlim:**

Li tipprovdi s-sapport lill-individwi huwa mod wieħed biss kif wieħed jittanta jagħmel il-lezzjonijiet aċċessibbli għal kulħadd. Is-sapport wieħed jista' jipprovdih ukoll, ngħidu aħna, meta l-għalliema jippjanaw lezzjonijiet li bihom jagħrfu li għandu jkollhom punti ta' tluq u stili ta' tagħlim differenti dejjem skond il-ħtiġijiet ta' l-istudenti, jew, meta l-istaff jesplora l-possibiltaċ li t-tfal jitgħallmu minn tfal oħra, dak li bl-Ingliż jissejjaħ *peer tutoring*. Sapport individwali bħala regola jkollu l-għan li jżid l-inklużivitaċ tal-kurrikuli. Is-sapport, għalhekk, huwa parti integrali minn kull tagħlim, u dan huwa rifless fl-idea ta' 'l-orkestrazzjoni tat-tagħlim'. Għalkemm ir-responsabbiltaċ ewlenija għall-koordinazzjoni tas-sapport tista' tkun limitata għal numru ta' persuni, l-istaff kollha għandhom ikunu nvoluti f'dawn l-attivitajiet ta' sapport. (Booth u oħrajn, 2000, p.11)

- **Materjal innovattiv ta' assessjar u organizzazzjoni tat-tagħlim**:

Biex pass wara pass titnaqqas il-ħtieġa ta' l-i*streaming* u ta' l-eżamijiet normattivi marbuta miegħu, kull min huwa nvolut fl-edukazzjoni inklużiva għandu jaħdem biex jipproduċi materjal li jintuża biex wieħed jgħallem u jitgħallem jew jassessja t-tagħlim, u joħloq organizzazzjoni ta' kurrikulu u lezzjonijiet li jirrispettaw id-diversita' u l-ħtiġijiet individwali tat-tfal. Il-produzzjoni u l-ġbir f'sors wieħed ta' materjal edukattiv għad-diversita' għandu jkun wieħed mir-rwoli speċifiċi ta' l-aġenziji responsabbli mill-edukazzjoni inklużiva fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. F'dan ir-rigward ukoll għandu jkun hemm struttura espliċita li tħeġġeġ u tara kif isir użu sħiħ u komuni tar-riżorsi eżistenti. Hafna minn dawn insibuhom f'ċentri speċjali differenti. Fost dawn ir-riżorsi wieħed jista' jsemmi: *pool* li jista' joffri idroterapija, il-kamra multi-sensorja, it-terapija okkupazzjonali u s-servizzi tal-fiżjoterapija, it-tagħmir tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u oħrajn.

L-assessjar tat-tfal bi Htiġijiet Edukattivi Individwali għandu jipprovdi mudell għall-assessjar formattiv, jiġifieri: (i) għandu jikkonsisti minn sistema ta' pprofilar li mhijiex limitata għal materji konjittivi biss imma wkoll għall-ipprofilar ta' aspetti usa' ta' l-iżvilupp u l-attivitajiet tat-tfal; u (ii) għandu jkun imfassal fuq livelli ta' tagħlim (*criterion referenced*): dawn għandhom juru dak li t-tifel/tifla jista' jagħmel fi kwalunkwe ħin, u x'inhu l-pass li jmissu fil-mixja lejn il-progress. (KMN, Grupp ta' Hidma dwar Edukazzjoni Inklużiva, f'Giordmaina, 2000, p. 39)

## 4. Żewġ għanijiet ewlenin tal-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva

Biex l-iskejjel tagħna jħaddmu tassew il-proċess tal-KMN lejn edukazzjoni inklużiva fil-kultura, il-politika u l-prattika tagħhom, l-iskejjel għandhom ifasslu strateġija b'żewġ għanijiet ewlenin minsuġa flimkien:

**L-1 għan:**

> Li l-iskejjel jiftħu l-perspettiva tagħhom biex jilqgħu tassew lill-istudenti *kollha* huma x'inhuma l-karatteristiċi u ħtegijiet tagħhom, billi jiżviluppaw apprezzament tad-diversita' u jorkestraw it-tagħlim' kollu b'tali mod u manjiera li jkun aċċessibli għad-diversita' ta' kull student/a.

**It-2 għan:**

> Li l-iskejjel jassiguraw l-inklużjoni ta' l-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi individwali (minħabba xi diżabilitaċ jew xi karatteristiċi oħra partikulari fosthom studenti b'ħafna talent/i), billi jiżviluppaw apprezzament ugwali ta' kull student/a u billi jiġu mmobilizzati riżorsi biex isostnu t-tagħlim u l-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet kollha li jsiru għall-istudenti l-oħra ta' l-istess l-eta'.

Kull wieħed minn dawn iż-żewġ għanijiet għandu jiġi indirizzat f'kull waħda mit-tliet dimensjonijiet ewlenin ta' l-iskejjel kif jidher f'Tabella 1.

**L-1 Tabella:**

**Għanijiet u Dimensjonijiet tal-proċess ta' edukazzjoni inklużiva**

| DIMENSJONIJIET ↓ / GĦANIJIET → | 1<br>Noħolqu skola li tilqa' bi ħġara lil kulħadd | 2<br>Nassiguraw sapport adegwat għall-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi individwali |
|---|---|---|
| A<br>KULTURA | A.1<br>Nibnu komunitaċ ta' skola li tilqgħek | A.2<br>Naraw li l-istudenti kollha jkunu stmati |
| B<br>POLITIKA | B.1<br>Niżviluppaw skola għal kulħadd | B.2<br>Norganizzaw sapport għad-diversita' |
| Ċ<br>PRATTIKA | Ċ.1<br>Norkestraw it-tagħlim għad-diversita' | Ċ.2<br>Nimmobilizzaw ir-riżorsi biex insostnu l-ħtiġijiet edukattivi individwali |

## 5. Indikaturi għal edukazzjoni inklużiva

Il-KMN ippreżenta l-prinċipji li fuqhom għandha tkun mibnija edukazzjoni inklużiva. Il-proċess tat-twettiq tiegħu imur aħjar billi naqsmu flimkien dikjarazzjoni aktar speċifika ta' l-implikazzjonijiet ta' edukazzjoni inklużiva. Dan id-dokument jipprova jgħin biex dan il-għan jintlaħaq billi jiddikjara ċar u tond x'inhuma dawk it-tipi ta' kultura, politika u prattika edukattiva li ħafna jqisu bħala evidenża ta' prinċipji inklużivi.

Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni qiegħda tipproponi sett ta' **indikaturi** ta' kultura, politika u prattika inklużiva, li kull edukatur/a Malti għandu jagħtihom l-attenżjoni mistħoqqa. Dawn l-indikaturi ttieħdu mill-*Indiċi ta' l-Inklużjoni* ppubblikat miċ-Ċentru ta' l-Istudji fl-Edukazzjoni inklużiva tar-Renju Unit (CSIE) li, min-naħa tagħhom, huma żviluppawh minn dokumenti Awstraljani u Amerikani (ara Ainscow, 1999; Booth u oħrajn, 2000; Booth u Ainscow, 2002). Intuża dan l-indiċi għax hu l-iktar wieħed li jaqbel kważi għal kollox mal-prinċipji u perspettiva tal-KMN billi żviluppawh primarjament fil-qafas tal-kurrikulu sħiħ ta' l-iskola. Kien fil-fatt marbut mill-qrib ma' l-inizzjattivi għat-titjib u effettività ta' l-iskejjel, fil-waqt li jinkludi wkoll konsiderazzjonijiet ta' studenti bi ħtiġijiet individwali u partikularment ta' studenti b'xi diżabilità.

L-indikaturi jistgħu jkunu iktar **ġenerali** jew **speċifiċi**. Ngħidu aħna, wieħed mill-indikaturi ġenerali ta' kultura inklużiva huwa:

> "*Kull membru tal-komunità tal-iskola jħossu li huwa milqugħ*".

Dan l-indikatur jiffoka fuq aspett importanti biex tinbena kultura inklużiva. Biss jista' jkun ġenerali wisq biex jintuża b'mod effikaċi fl-evalwar u ppjanar ta' l-iżvilupp ta' l-iskola. Kif irrimarka kap ta' skola partikolari, mhuwiex faċli li tiddeċiedi kemm skola tilqgħek jew le b'mod ġenerali kif jitlob dan l-indikatur. Barra minn hekk l-iskola tista' tibqa' vaga wisq dwar x'għandu jsir meta sempliċiment tgħid li l-iskola b'mod ġenerali tilqgħek jew ma tilqgħekx. Fid-dawl ta' dan tajjeb li nkunu aktar konkreti u ngħidu x'nifhmu b'kull indikatur.

Huwa minħabba f'hekk li f'dan id-dokument kull indikatur għandu lista ta' **indikaturi** aktar **speċifiċi** biex ngħinu lill-komunità ta' l-iskola tgħarbel lilha nnifisha u tara jekk hijiex tassew qed tindirizza l-ideat ewlenin li nsibu f'kull indikatur. Hekk ngħidu aħna, biex skola tkun taf tassew jekk hijiex tindirizza l-indikatur: *"Kull membru tal-komunità tal-iskola jħossu li huwa milqugħ,"* l-iskola trid tevalwa ruħha b'dawn l-**indikaturi speċifiċi** bħal:

> *"Meta xi ħadd jersaq lejn l-iskola għall-ewwel darba, iħoss sens ta' merħba u ħbiberija."*
>
> *"L-iskola tilqa' lill-ġenituri/kustodji kollha u lil membri oħra tal-komunitajiet lokali."*
>
> *"Ikun hemm ritwali speċifiċi biex jagħtu merħba lil studenti u staff ġodda u biex jagħtu tislima lil dawk li jkunu se jitilqu." U oħrajn bħal dawn.*

F'dan id-dokument insibu **43 indikatur ġenerali,** kull wieħed b'minn **6 sa 12-indikatur speċifiku**, organizzati fi tliet taqsimiet: (A) kultura (B) politika u (Ċ) prattika inklusiva. Dawn l-indikaturi għandhom jitqiesu bħala ħtiġijiet bażiċi u mhux l-evidenża sħiħa tal-proċess ta' edukazzjoni inklużiva. L-ewwelnett, billi dawn l-indikaturi huma mmirati għat-tipi kollha ta' skejjel, xi skejjel jistgħu jsibu xi indikaturi li ma jkunux japplikaw għas-sitwazzjoni tagħhom: ngħidu aħna japplikaw għal skejjel tal-gvern u mhux tal-knisja jew indipendenti, u bil-kontra; jew japplikaw għall-primarji u mhux għas-sekondarji, u bil-kontra. Barra minn hekk, jista' jkun hemm indikaturi oħra ta' inklużjoni li ma jkunux fil-lista. Għalhekk kull skola tista' żżid indikaturi oħra li japplikaw għaċ-ċirkustanżi tagħha partikolari.

F'kull dimensjoni, l-indikaturi huma sottodiviżi f'żewġ taqsimiet (A.1 u A.2, B.1 u B.2, C.1 u C.2), li jirriflettu ż-żewġ għanijiet tal-proċess ta' l-edukazzjoni inklużiva (ara L-1 Tabella). Il-lista ta' indikaturi speċifiċi għal kull indikatur ġenerali qiegħda fl-Appendiċi ta' dan id-dokument.

## 6. Kif tuża l-indikaturi

L-Iżvilupp ta' skejjel b'kultura, politika u prattika inklużiva għandu jitqies bħala storja bla tmiem. L-iskejjel diġà huma involuti f'dan il-proċess. Biss jinħtieġu li jimxu aktar 'il quddiem lejn l-inkużjoni. għalhekk, kull skola tista' tistudja sewwa s-sitwazzjoni u tara fejn hija qiegħda rigward iż-żewġ għanijiet li semmejna (li tara kif l-iskola kollha qed twieġeb għad-diversita' ta' l-istudenti u tgħin lill-istudenti li għandhom xi ħtiġijiet individwali biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-attivitajiet tat-tagħlim) f'kull waħda mit-tliet dimensjonijiet ta' l-iskola (kultura, politika u prattika ta' l-iskola).

Huwa ttamat li l-iskejjel isibu l-listi twal ta' indikaturi ta' kultura, politika u prattika ta' skejjel inklużivi ta' għajnuna biex mill-kliem dwar l-inklużjoni ngħaddu għal fatti ta' azzjoni pożittiva.

Madankollu, m'hemmx dubju li l-lista ta' l-indikaturi ġenerali u speċifiċi hija twila wisq biex wieħed jagħmilha f'salt. Ikun interessanti li fi studju ta' riċerka wieħed jistaqsi lill-istaff kollu ta' l-iskejjel biex jaraw fejn waslu skond l-indikaturi speċifiċi. Imma meta skola tkun qiegħda tara kif ittejjeb lilha nnifisha, hija tista' tiddeċiedi minn qabel liema taqsima tkun trid tindirizza (A, B jew Ċ jew anke A.1, A.2, B.1, B.2, Ċ.1, jew Ċ.2). Imbagħad l-istaff kollu, jew flimkien jew individwalment, jikkunsidraw kemm l-iskola qiegħda tindirizza aspetti ta' inklużjoni f'dik id-dimensjoni partikolari. Il-listi ta' indikaturi speċifiċi għal kull indikatur ġenerali ġew stampati fuq paġni separati apposta fl-Appendiċi biex kull skola tkun tista' faċilment tagħmel fotokopji tal-paġni relevanti għall-ħtiġijiet tagħha.

Dan id-dokument jissuġġerixxi li kull indikatur ta' kull taqsima magħżula tiġi mmarkata f'xi wieħed mill-**erba' livelli ta' possibiltajiet ta' twettiq**: minn (1) li l-iskola għadha lanqas biss bdiet tagħti kas ta' l-indikatur *(Ma bdejniex),* għal (2) bdejna nwettqu l-indikatur, imma minn ftit staff jew fi ftit okkażjonijiet *(Bdejna),* jew (3) twettiq aktar mifrux *(Inwettqu ta' sikwit),* u (4) prattika ta' inklużjoni ta' kwalitaċ *(Inwettqu bi kwalita')* (Ara t-2 Tabella). Jekk wieħed ikun jixtieq stampa kwantitattiva ta' kif sejra l-iskola dwar l-inklużjoni, wieħed jista' jikkalkula l-medja għal kull indikatur ġenerali billi jagħti numru għal kull markatura fil-lista ta' indikaturi speċifiċi minn 1 sa 4, 1 jekk l-indikatur għadu ma nbediex sa 4 jekk qed jitwettaq bi kwalita. B'dan il-mod l-iskola tkun tista' tiġbor stampa kwantitattiva ta' fejn hija sejra tajjeb u fejn tista' ttejjeb iktar l-kultura, politika jew prattika tagħha.

**It-2 Tabella:**

**Erba' livelli possibbli ta' twettiq ta' kull indikatur**

| | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Indikatur speċifiku** | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita** |
| 1 | Jekk l-iskola għadha *ma bdietx* tikkunsidra l-aspett li jsemmi l-idikatur, immarka l-ewwel kaxxa (Ma bdejniex) | ✓ | | | |
| 2 | Jekk l-iskola *bdiet* tikkunsidra l-materja imma fi ftit oqsma u minn ftit staff, immarka t-tieni kaxxa (Bdejna). | | ✓ | | |
| 3 | Jekk l-iskola tadotta *ta' sikwit* il-kultura, il-politika, jew il-prattika indikata, allura immarka (Inwettqu ta' sikwit) | | | ✓ | |
| 4 | Jekk l-iskola żviluppat livelli *eċċellenti* ta' kultura, politika u prattika dwar il-materja, allura immarka (Inwettqu bi kwalita) | | | | ✓ |

## 7. Kif tieħu sehem fil-proċess ta' edukazzjoni inklużiva

Kull skola b'xi mod jew ieħor aktarx tkun diġà qed twettaq xi wħud minn dawn l-indikaturi sa ċertu punt. Barra minn hekk, wieħed ma jistax ibiddel kulturi, politika u prattika f'salt wieħed, imma dan isir pjuttost pass wara pass u fiċ-ċirkustanżi partikolari ta' l-iskola.

Huwa ssuġġerit li l-iskejjel jagħmlu użu minn dawn l-indikaturi bl-istess mod kif kienu jagħmlu b'indikaturi oħra biex jiżviluppaw miri għall-azzjoni fil-proċess ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp ta' l-Iskola. Dan il-proċess jinvolvi 'l-iskola f'ħames fażijiet, fejn kull fażi tieħu daqs term skolastiku sħiħ biex titwettaq, kif jidher fl-1 Figura.

**L-1 Figura:**

**Kif nużaw l-Indiċi waqt iċ-ċiklu ta' l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp ta' l-Iskola**

*(meħud minn Booth u Ainscow, 2002, p. 36)*




### *7.1. Nagħżlu x'nixtiequ nwettqu l-ewwel*

Meta l-iskola tkun għarblet lilha nnifisha dwar kemm qed tkun inklużiva, għandhom jintagħżlu l-oqsma ewlenin li fihom l-iskola trid tħabrek biex timxi 'l quddiem. Biex jintlaħaq dan il-għan, fit-tmiem ta' kull dimensjoni ta' indikaturi, hemm spazju li għandu jintuża biex wieħed jikteb il-materji ta' prijorità li l-iskola tkun tixtieq tindirizza fit-*term* jew is-sena li jkun imiss (ara pp.16, 18 u 20).

Għal twettiq effettiv, il-miri għandhom jintgħażlu fuq żewġ kriterji ewlenin: Iridu jkunu (a) **mixtieqa**, jiġifieri li l-biċċa l-kbira ta' l-istaff ikunu jixtiequ jaraw titjib fihom; u (b) **jistgħu jsiru**, jiġifieri jkunu jistgħu jitwettqu fiċ-ċirkustanżi partikolari ta' l-iskola.

### 7.2. Inwettqu u nirrevedu

L-indikaturi li jintgħażlu bħala miri ta' prijoritaċ għall-iskola mbagħad jiġu inklużi fil-Pjan ta' Żvilupp ta' l-iSkola. Dawn isiru għanijiet ta' titjib li l-iskola kollha timpennja ruħha li twettaq. It-twettiq tagħhom imbagħad ikun jista' jiġi mmonitorjat u studjat mill-ġdid skond il-proċess ta' żvilupp partikolari ta' l-iskola.

### 7.3. Inwaqqfu Grupp Proġett għal Edukazzjoni Inklużiva

Dan il-moviment ta' skola lejn edukazzjoni inklużiva huwa meqjus bħala r-responsabbiltaċ ta' l-iskola nnifisha. Illum il-ġurnata insibu kapijiet u assistenti kapijiet ta' skejjel li, flimkien ma' membri oħra ta' l-istaff fl-istess skejjel, jiffurmaw gruppi għall-iżvilupp ta' SDPs partikolari. Huwa ssuġġerit li kull skola tlaqqa' Grupp Proġett għal Edukazzjoni Inklużiva li jkun rappreżentattiv ta' kull min għandu sehem fl-iskola - l-amministrazzjoni u l-livelli kollha ta' l-istaff*. Ta' min jirrakkomanda bis-sħiħ li gruppi bħal dawn ikun fihom il-veduti ta' l-istudenti u l-ġenituri. Dan il-grupp imbagħad jara kif jorganizza l-awtoeżami ta' l-iskola nnifisha, x'jiġi l-ewwel f'dawk li huma ħtiġijiet, l-immonitorjar u t-twettiq tal-miri li jkun hemm qbil fuqhom għal aktar edukazzjoni inklużiva fl-iskola. Kull skola mbagħad għandha tkun kburija b'dak li tkun wettqet.

Il-*Focus Group* għal Edukazzjoni Inklużiva joffri s-sapport għal dan il-proċess ta' Riċerka fil-Hidma (*Action Research*) fl-ippjanar, twettiq u reviżjoni li jsir minn kull skola jew grupp ta' skejjel.

## 8. Storja bla tmiem

Il-KMN tana viżjoni li għandha twassal għal *proċess ta' titjib kontinwu* fl-edukazzjoni mibni fuq il-prinċipji tiegħu ta' edukazzjoni inklużiva:

---

* Wieħed mill-membri ewlenin tal-Grupp Proġett ghal Edukazzjoni Inklużiva ghandu jkun l-Koordinatur ta' l-Edukazzjoni Inklusiva (simili ghal dak li fir-Renju Unit jissejjah Special Educational Needs Coordinator (SENCO)), u li jkun/tkun responsabbli l-aktar mill-inkluzjoni effettiva ta' studenti bi htigijiet edukattivi individwali l-aktar dawk b'xi diżabilitaċ. Id-Diviżjoni diġaċ għandha proposti dwar dan.

> Il-proċess tat-tiġdid tal-kurrikulu huwa kontinwu u dinamiku. għalhekk dan id-dokument ma jirrappreżentax it-tmiem ta' proċess. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jrid jitqies bħala kapitlu ieħor fi storja li m'għandhiex tmiem. (KMN, p. 14)

F'din il-viżjoni ma jistax wieħed jitkellem fuq skola inklużiva, imma aħjar fuq "proċess ta' inklużjoni bla ebda limiti" (Ballard, 1995). L-edukazzjoni inklużiva hija proċess li ma jieqaf qatt bil-għan li jitneħħew dejjem aktar ix-xkilijiet għat-tagħlim u l-parteċipazzjoni u biex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni attiva ta' l-istudenti kollha fl-edukazzjoni regolari.

Aħna inħossuna fiduċjużi li l-impenn u l-ħiliet tal-edukaturi tagħna se jsostnu l-momentum li qbadna f'dawn l-aħħar snin biex ngħinu lil kull student u studenta jħossuhom li huma lkoll membri sħaħ fl-edukazzjoni regolari. Dan nistgħu naslu għalih għax imwieżna bi sħubija wiesgħa bejn kulhadd f'sapport reċiproku biex nistgħu nassiguraw edukazzjoni ta' kwalita' għal kull student u studenta.

# It-2 Parti

# INDIĊI GĦALL-INKLUŻJONI

Riprodott b'tibdiliet żgħar bil-permess ta' Tony Booth u Mel Ainscow (2002),
*Indiċi għall-Inklużjoni: Niżviluppaw it-tagħlim u l-parteċipazzjoni fl-iskejjel.*
*(Index for inclusion: Developing learning and participation in schools.)*
Bristol: Ċentru għall-iStudji ta' l-Inklużjoni Edukattiva.

Dan l-indiċi għall-inklużjoni fih żewġ listi separati imma magħquda flimkien: l-ewwel lista ta' **indikaturi ġenerali**, u warajha lista oħra ta' **indikaturi speċifiċi**.

Il-lista ta' indikaturi generali (pp. 18-23) tagħti stampa wiesgħa tax-xhieda li wieħed għandu jqis jekk l-iskola trid ittejjeb il-progress tagħha lejn edukazzjoni iktar inklużiva. Dawn imqassma skond it-tliet dimensjonijiet tal-esperjenza tal-iskola:

Dimensjoni A: Indikaturi Ġenerali ta' Kultura Inklużiva (pp. 21-22):

A.1. Nibnu komunita' ta' skola li tilqgħek
A.2. Insejsu valuri inklużivi

Dimensjoni B: Indikaturi Ġenerali ta' Politika Inklużiva (pp. 23-24):

B.1. Niżviluppaw skola għal Kulħadd
B.2. Norganizzaw sapport għad-diversita'

Dimensjoni Ċ: Indikaturi Ġenerali ta' Prattika Inklużiva (pp. 25-26):

Ċ.1. Norkestraw it-tagħlim biex inwieġbu għad-diversita' ta' l-istudenti
Ċ.2. Nimmobilizzaw ir-riżorsi ta' l-iskola biex l-istudenti kollha jitgħallmu u jipparteċipaw

L-iskola tista' tuża dawn il-listi biex tiddeċiedi liema aspett tixtieq li tagħtih prijorita' fil-Pjan ta' Żvilupp ta' l-Iskola għas-sena d-dieħla. Għalekk hemm spazju provdut fit-tarf ta' kull lista biex l-istaff ikunu jistgħu jiktbu l-indikatur/i partikolari li jixtiequ jaħdmu fuqu jew fuqhom.

Il-listi ta' indikaturi speċifiċi (ara l-Appendiċi, pp. 27-77) ukoll huma mqassma skond it-tliet dimensjonijiet b'żewġ taqsimiet kull waħda. Imma fuq kull paġna issib indikatur ġenerali wieħed biss, akkompanjat b'lista ta' l-indikaturi speċifiċi tiegħu, li jistgħu jgħinu lill-iskola biex tqis iktar xhieda dettaljata u konkreta ta' kemm hija qiegħda tassew jew le tindirizza l-kultura, politika u prattika msemmija fl-indikaturi ġenerali. Ma' dawn il-listi hemm ukoll spazju biex wieħed jimmarka kemm l-iskola qiegħda tindirizza kull indikatur skond erba' livelli ta' implimentazzjoni: minn (1) li l-iskola għadha lanqas biss bdiet tagħti kas ta' l-indikatur *(Ma bdejniex),* għal (2) bdejna nwettqu l-indikatur, imma minn ftit staff jew fi ftit okkażjonijiet *(Bdejna),* jew (3) twettiq aktar mifrux *(Inwettqu ta' sikwit),* u (4) prattika ta' inklużjoni ta' kwalitaċ *(Inwettqu bi kwalita')* (Ara t-2 Tabella, p.13).

## A. INDIKATURI GĦAL KULTURA TA' SKOLA INKLUŻIVA

L-għan ta' din id-dimensjoni huwa li nibnu komunitaċ li tassigura, taċċetta, tikkollabora, u tistimula f'ambjent fejn kulħadd huwa stmat, bl-iskop li sservi bħala sies li minnu l-istudenti kollha jiksbu l-ogħla kisbiet possibbli. F'dan id-dawl wieħed jiżviluppa valuri inklużivi li l-istaff, l-istudenti, il-kunsilli ta' l-iskola u l-ġenituri/kustodji jaqsmu bejniethom u li jingħaddu lill-membri ġodda kollha ta' l-iskola. Il-prinċipji li joħorġu minn kultura ta' skejjel inklużivi jiggwidaw d-deċiżjonijiet dwar politika u prattika ta' kuljum biex hekk jingħata s-sapport meħtieġ għat-tagħlim ta' kulħadd fi proċess kontinwu ta' żvilupp ta' l-iskola.

Din id-dimensjoni se narawha taħt żewġ titli (li jikkorrispondu għaż-żewġ għanijiet li nsibu fid-daħla):

### A.1. NIBNU KOMUNITA'

### A.2. INSEJSU VALURI INKLUŻIVI

## A.1. NIBNU KOMUNITA' TA' SKOLA LI TILQGHEK

**Indikaturi**

**A.1.1. Kull membru tal-komunità jħossu li huwa milqugħ.**

**A.1.2. L-istudenti jgħinu lil xulxin.**

**A.1.3. L-istaff jikkollaboraw bejniethom.**

**A.1.4. L-istaff u l-istudenti jittrattaw lil xulxin b'rispett.**

**A.1.5. Hemm sħubija bejn l-istaff u l-ġenituri/kustodji.**

**A.1.6. L-istaff u l-membri tal-kunsill ta' l-iskola jaħdmu tajjeb flimkien.**

**A.1.7. Il-komunitajiet lokali kollha huma involuti fl-iskola.**

**A.1.8. Indikaturi oħra (speċifika) . . .**

## A.2. INSEJSU VALURI INKLUŻIVI

**Indikaturi**

**A.2.1. L-iskola għandha aspirazzjonijiet għoljin għal kull student.**

**A.2.2. L-istaff, l-istudenti, il-ġenituri/kustodji u l-komunità jaqsmu bejniethom filosofija ta' inklużjoni.**

**A.2.3. L-istudenti huma stmati indaqs.**

**A.2.4. L-istaff u l-istudenti huma stmati bħala bnedmin.**

**A.2.5. L-istaff jara li jneħħi kull tip ta' xkiel li jista' jtellef milli wieħed jitgħallem jew jipparteċipa fl-attivitijiet ta' l-iskola.**

**A.2.6. L-iskola tistinka biex ixxejjen kull forma ta' diskriminazzjoni u sterjotipar.**

**A.2.7. Indikaturi oħra (speċifika) . . .**

A.1. KULTURA: NIBNU KOMUNITAċ TA' SKOLA LI TILQGHEK

A.2. KULTURA: INSEJSU VALURI INKLUŻIVI

**Mira/i ewlenin għall-iżvilupp is-sena d-dieħla:**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## B. NOHOLQU POLITIKA INKLUŻIVA FL-ISKOLA

Din id-dimensjoni għandha l-għan li tassigura li l-inklużjoni tkun fil-qalba tal-iżvilupp ta' l-iskola, b'mod li tinfiltra fil-politika kollha ta' l-iskola immirata biex jiżdied it-tagħlim u l-parteċipazzjoni ta' l-istudenti koillha. F'dan il-kuntest, b'sapport nifhmu dawk l-attivitajiet li jgħinu l-iskola tkattar il-ħila tagħha li twieġeb għad-diversita' ta' l-istudenti. Kull tip ta' sapport għandu jitqiegħed f'qafas wieħed b'lenti bażata fuq il-veduti ta' l-istudenti u l-iżvilupp tagħhom, aktar milli jitqies minn għajnejn l-istruttura ta' l-awtoritaċ amministrattiva ta' l-edukazzjoni u ta' l-iskola.

Din id-dimensjoni se narawha taħt żewġ titli (li jikkorrispondu għaż-żewġ għanijiet li nsibu fid-daħla):

### B.1. NIŻVILUPPAW SKOLA GĦAL KULĦADD

### B.2. NORGANIZZAW SAPPORT GĦAD-DIVERSITA'

## B.1. NIŻVILUPPAW SKOLA GĦAL KULĦADD

**Indikaturi**

**B.1.1. L-impjieg ta' l-istaff u l-promozzjonijiet ikunu ġusti.**

**B.1.2. L-istaff il-ġdid kollha jħossuhom milqugħa u stmati.**

**B.1.3. L-iskola taċċetta studenti irrispettivament mill-kisbiet jew diżabilitaċ tagħhom.**

**B.1.4. L-iskola tagħmel il-bini fiżikament aċċessibbli għall-persuni kollha.**

**B.1.5. L-istudenti ġodda kollha jingħataw is-sapport biex iħossuhom milqugħa u jissetiljaw fl-iskola.**

**B.1.6. L-iskola tirranġa l-ġruppi tat-tagħlim b'mod li l-istudenti kollha jkunu jistgħu jiġu stmati.**

**B.1.7. Indikaturi oħra (speċifika) . . .**

## B.2. NORGANIZZAW SAPPORT GĦAD-DIVERSITA'

**Indikaturi**

**B.2.1. Kull forma ta' sapport hija ikkoordinata.**

**B.2.2. L-attivitajiet ta' żvilupp għall-istaff jgħinu lill-istaff iwieġeb għall-ħtiġijiet għad-diversita' ta' l-istudenti.**

**B.2.3. Il-politika ta' 'Ħtiġjiet indvidwali' hija politika li tittieħed fuq livell ta' skola sħiħa.**

**B.2.4. Il-provedimenti għal ħtiġijiet edukattivi individwali jintużaw biex jitnaqqas ix-xkiel għat-tagħlim u tiżdied il-parteċipazzjoni ta' l-istudenti kollha.**

**B.2.5. Il-politika ta' sapport kemm pastorali kif ukoll li għandha x'taqsam ma' l-imġiba hija marbuta ma' l-iżvilupp tal-kurrikulu.**

**B.2.6. Tonqos il-pressjoni biex tintuża t-tkeċċija mill-iskola bħala mezz ta' dixxiplina.**

**B.2.7. Jitnaqqas kull xkiel li jtellef studenti milli jattendu regulari.**

**B.2.8. L-ibbulijar jitnaqqas bis-sħiħ.**

**B.2.9. Indikaturi oħra (speċifika) . . .**

*B.1. POLITIKA: NIŻVILUPPAW SKOLA GHAL KULHADD*

*B.2. POLITIKA: NORGANIZZAW SAPPORT GHAD-DIVERSITA*

**Il-mira/i ewlenin għall-iżvilupp għas-sena d-dieħla:**

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

## Ċ. NEVOLVU PRATTIKA INKLUŻIVA FL-ISKOLA

Din id-dimensjoni għandha l-għan li tara li l-prattika tirrifletti l-kultura u l-politika inklużiva ta' l-iskola. Hija għandha l-iskop li tassigura li dak li jsir fil-klassi u attivitajiet extra-kurrikulari jixprunaw is-sehem ta' l-istudenti kollha filwaqt li jibnu fuq l-għarfien u l-esperjenżi li l-istudenti jkunu ġabu magħhom minn barra mill-iskola. Tagħlim u sapport jidħlu f'xulxin kemm fil-mod kif ikun orkestrat it-tagħlim kif ukoll fil-mod kif jitwarrbu min-nofs xkilijiet li jtellfu lill-istudenti milli jitgħallmu u jipparteċipaw. L-istaff jimmobilizza r-riżorsi fl-iskola u l-komunitajiet lokali biex jiġi sostnut tagħlim attiv għal kulħadd.

Din id-dimensjoni se narawha taħt żewġ titli (li jikkorrispondu għaż-żewġ għanijiet li nsibu fid-daħla):

### Ċ.1. NORKESTRAW IT-TAGĦLIM BIEX INWIEĠBU GĦAD-DIVERSITA' TA' L-ISTUDENTI

### Ċ.2. NIBBOLIZZAW IR-RIŻORSI TA' L-ISKOLA L-ISTUDENTI KOLLHA JITGĦALLMU U JIPPARTEĊIPAW

## *Ċ.1. NORKESTRAW IT-TAGĦLIM BIEX INWIEĠBU GĦAD-DIVERSITA' TA' L-ISTUDENTI*

**Indikaturi**

**Ċ.1.1. Il-lezzjonijiet jiżviluppaw għarfien tad-differenżi.**

**Ċ.1.2. L-għalliema jaraw li l-istudenti kollha jingħataw is-sapport meħtieġ biex jitgħallmu u jipparteċipaw.**

**Ċ.1.3. Il-lezzjonijiet huma aċċessibli għall-istudenti kollha.**

**Ċ.1.4. L-istudenti huma attivament involuti fit-tagħlim tagħhom stess.**

**Ċ.1.5. L-istudenti jitgħallmu billi jikkollaboraw bejniethom.**

**Ċ.1.6. Il-homework jgħin biex jitgħallem kulħadd.**

**Ċ.1.7. L-assessjar jinkoraġġixxi lill-istudenti kollha biex jimxu 'l quddiem.**

**Ċ.1.8. Id-dixxiplina fil-klassi hija mibnija fuq ir-rispett lejn xulxin.**

**Ċ.1.9. L-istudenti kollha jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' barra mill-klassi.**

**Ċ.1.10. L-għalliema jippjanaw, jgħallmu u jagħmlu reviżjoni fi sħubija bejniethom.**

**Ċ.1.11. Il-faċilitaturi jippruvaw li jgħinu fit-tagħlim ta' l-istudenti kollha.**

**Ċ.1.12. Indikaturi oħra (speċifika) . . .**

## Ċ.2.NIMMOBILIZZAW IR-RIŻORSI TA' L-ISKOLA BIEX L-ISTUDENTI KOLLHA JITGĦALLMU U JIPPARTEĊIPAW

**Indikaturi**

**Ċ.2.1. Id-differenżi bejn l-istudenti jintużaw bħala riżorsa biex wieħed jgħallem u jitgħallem.**

**Ċ.2.2. Ir-riżorsi kollha ta' l-iskola jitqassmu b'mod ġust bil-għan li tiżdied l-inklużjoni.**

**Ċ.2.3. Ir-riżorsi tal-komunitaċ huma magħrufa u użati.**

**Ċ.2.4. Isir użu sħiħ mill-kompetenżi ta' l-istaff.**

**Ċ.2.5. L-istaff jiżviluppa riżorsi biex isostni t-tagħlim u l-parteċipazzjoni.**

**Ċ.2.6. Indikaturi oħra (speċifika) . . .**

Ċ.1. PRATTIKA: NORKESTRAW IT-TAGHLIM

Ċ.2. PRATTIKA: NIMMOBILIzzAW IR-RIŻORSI

**Il-mira/i ewlenin għall-iżvilupp għas-sena d-dieħla:**

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

# APPENDIĊI:

# INDIKATURI SPEĊIFIĊI GĦALL-INKLUŻJONI

## A. NOĦOLQU KULTURA INKLUŻIVA

### A.1. NIBNU KOMUNITA' TA' SKOLA LI TILQGĦEK

| (Indikatur ġenerali [2] )<br>**A.1.1. Kull membru tal-komunita' jħossu li huwa milqugħ** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi specifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettq u ta' sikwit** | **Inwettq u bi kwalita'** |
| I | Meta xi ħadd jersaq lejn l-iskola għall-ewwel darba, iħoss sens ta' merħba u ħbiberija. | | | | |
| II | L-iskola tilqa' lill-ġenituri/kustodji kollha u 'l-membri l-oħra tal-komunitajiet lokali. | | | | |
| III | Il-*brochure* ta' l-iskola turi ċar li hija parti mir-rutina ta' l-iskola li twieġeb għad-diversita' sħiħa ta' l-istudenti u l-ambjenti varji li ġejjin minnhom. | | | | |
| IV | Is-sala ta' l-entratura ta' l-iskola tkun tirrifletti l-membri kollha tal-komunita' ta' l-iskola. | | | | |
| V | L-iskola tiċċelebra l-kulturi u l-komunitajiet lokali fis-sinjali u wirjiet tagħha. | | | | |
| VI | Ikun hemm ritwali speċifiċi biex jagħtu merħba lil studenti u staff ġodda u biex jagħtu tislima lil dawk li jkunu se jitilqu. | | | | |
| VII | L-istudenti jħossu li l-klassi hija tagħhom. | | | | |
| VIII | L-istudenti, il-ġenituri/kustodji, l-istaff, il-membri tal-kunsill ta' l-iskola u l-membri tal-komunitaċ lkoll iħossu li l-iskola hija tagħhom. | | | | |
| IX | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . . | | | | |

[2] G]al lista s]i]a ta' indikaturi generali ara pp. 17-22. Dan l-appendi`i fih lista ta' indikaturi spe`ifi`i g]al kull indikatur generali.

| A.1.2. L-istudenti jgħinu lil xulxin | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Hemm kunsill ta' l-istudenti li jirrappreżenta l-veduti u ħtiġijiet varji ta' l-istudenti | | | | |
| II | L-istudenti joffru sapport lil xulxin meta jkun meħtieġ. | | | | |
| III | Il-wirjiet li jittellgħu jiċċelebraw mhux biss il-kisbiet individwali imma wkoll ix-xogħol kollaborattiv ta' l-istudenti. | | | | |
| IV | L-istudenti jinfurmaw lil xi membru ta' l-istaff meta xi ħadd ikollu bżonn is-sapport. | | | | |
| V | Jiġu imħeġġa attivament ħbiberiji li jsostnu wieħed 'l-ieħor/ra. | | | | |
| VI | L-istudenti jaqsmu 'l-ħbieb ta' xulxin aktar milli jiġġieldu għalihom. | | | | |
| VII | L-istudenti jaraw li bl-ebda mod ma jgħajru lil xulxin bir-razza, bis-sess, bl-orjentazzjoni sesswali, b'xi forma ta' diżabilitaċ jew ħwejjeġ oħra. | | | | |
| VIII | L-istudenti jifhmu li minn studenti differenti wieħed jista' jistenna riżultati differenti. | | | | |
| IX | L-istudenti jifhmu li minn studenti differenti wieħed jista' jistenna livelli differenti ta' adattament għar-regoli ta' l-iskola. | | | | |
| X | L-istudenti japprezzaw il-kisbiet li jirnexxilhom jagħmlu xi wħud minn sħabhom li forsi jkunu bdew it-tellieqa minn livelli differenti. | | | | |
| XI | L-istudenti jħossu li t-tilwim ta' bejniethom ikun ittrattat b'mod ġust u effettiv. | | | | |
| XII | L-istudenti jistgħu jitkellmu għal oħrajn li huma jħossu li ma ġewx ittrattati tajjeb. | | | | |
| XIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.1.3. L-istaff jikkollaboraw bejniethom | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi specifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istaff jistmaw lil xulxin bir-rispett hi x'inhi r-rwol tal-persuna fl-iskola. | | | | |
| II | L-istaff kollha jkunu mistiedna għal-laqgħat li jsiru għall-istaff. | | | | |
| III | L-istaff kollha jattendu l-laqgħat. | | | | |
| IV | Ikun hemm parteċipazzjoni wiesgħa fil-laqgħat. | | | | |
| V | L-għalliema u l-assistenti kollha tal-klassijiet ikunu involuti fl-ippjanar u r-reviżjoni tal-kurrikulu. | | | | |
| VI | Il-kollaborazzjoni ta' bejn l-istaff isservi ta' mudell għall-kollaborazzjoni bejn l-istudenti. | | | | |
| VII | L-istaff iħossuhom komdi li jiddiskutu problemi dwar ix-xogħol. | | | | |
| VIII | L-istaff ikunu jafu fejn għandhom jirrikorru meta jkollhom problema/i kemm jekk tkun urġenti kif ukoll jekk ma tkunx. | | | | |
| IX | L-istaff li jservu ta' *supply* regolari fl-iskola huma imħeġġa biex ikunu involuti b'mod attiv fil-ħajja ta' l-iskola. | | | | |
| X | L-istaff kollha huma involuti fit-tħejjija ta' prijoritajiet għall-iżvilupp ta' l-iskola. | | | | |
| XI | L-istaff kollha jħossuhom li għandhom sehem fil-Pjan ta' Żvilupp ta' l-Iskola. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.1.4. L-istaff u l-istudenti jittrattaw lil xulxin b'rispett | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | L-iskola tistieden lill-istudenti biex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar kif l-affarijiet jistgħu jitjiebu. | | | | |
| II | L-opinjonijiet ta' l-istudenti jinfluwenżaw dak li jiġri l-iskola. | | | | |
| III | L-istudenti jkollhom *forums* partikolari fejn ikunu jistgħu jiddiskutu affarijiet ta' l-iskola. | | | | |
| IV | L-istudenti jgħinu lill-istaff meta jiġu mitluba għal dan. | | | | |
| V | L-istaff u l-istudenti jieħdu ħsieb l-ambjent fiżiku ta' l-iskola. | | | | |
| VI | L-istudenti jafu għand min għandhom imorru meta jkollhom xi problema. | | | | |
| VII | L-istudenti jħossuhom fiduċjużi li meta jkollhom xi problemi, jittieħdu l-miżuri adegwati biex jiġu solvuti. | | | | |
| VIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.1.5. Hemm sħubija bejn l-istaff u l-ġenituri/kustodji | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Il-ġenituri/kustodji u l-istaff jirrispettaw lil xulxin. | | | | |
| II | Il-ġenituri/kustodji u l-istaff iħossu li hemm komunikazzjoni u rispett bejniethom. | | | | |
| III | Il-ġenituri/kustodji kollha huma mgħarrfa tajjeb dwar il-politika u l-prattika ta' l-iskola. | | | | |
| IV | Il-ġenituri/kustodji huma konxji dwar x'inhuma l-prijoritajiet fil-pjan ta' l-iżvilupp ta' l-iskola. | | | | |
| V | Il-ġenituri/kustodji jingħataw l-opportunitaċ li jiġu involuti fl-iskola u fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. | | | | |
| VI | L-iskola tirrikonoxxi l-biżgħat li xi ġenituri/kustodji jista' jkollhom dwar laqgħat ma' l-għalliema, u jittieħdu l-passi meħtieġa biex dawn jingħelbu. | | | | |
| VII | Hemm okkażjonijiet varji meta l-ġenituri/kustodji jkunu jistgħu jiddiskutu l-progress u xi tħassib li jista' jkollhom dwar uliedhom. | | | | |
| VIII | Is-kontributi differenti li l-ġenituri/kustodji jistgħu jagħmlu għall-iskola jiġu apprezzati b'mod ugwali. | | | | |
| IX | L-istaff jagħrfu is-siwi tal-għarfien li l-ġenituri/ kustodji jkollhom dwar uliedhom u jħeġġuhom jaqsmuh magħhom. | | | | |
| X | L-istaff iħeġġeġ is-sehem tal-ġenituri/kustodji fit-tagħlim ta' uliedhom. | | | | |
| XI | Il-ġenituri/kustodji jafu sew x'jistgħu jagħmlu biex jgħinu lil uliedhom jitgħallmu d-dar. | | | | |
| XII | Il-ġenituri/kustodji jħossu li uliedhom huma stmati fl-iskola tagħhom. | | | | |
| XIII | Il-ġenituri/kustodji jħossu li t-tħassib li jista' jkollhom dwar uliedhom jittieħed bis-serjetaċ mill-iskola. | | | | |
| XIV | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.1.6. L-istaff u l-membri tal-kunsill ta' l-iskola jaħdmu tajjeb flimkien | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istaff jifhmu r-rwoli u responsabbiltajiet tal-kunsilli ta' l-iskola. | | | | |
| II | Il-membri tal-kunsill ta' l-iskola jifhmu l-istruttura organizzattiva ta' l-iskola u r-responsabbiltajiet ta' l-istaff. | | | | |
| III | L-iskola tilqa' l-kontribut tal-membri tal-kunsill ta' l-iskola fix-xogħol tagħha f'kull ħin. | | | | |
| IV | Il-ħiliet u l-għerf tal-membri tal-kunsill ta' l-iskola huma stmati. | | | | |
| V | Il-membri tal-kunsill ta' l-iskola għandhom iċ-ċans li jissieħbu f'opportunitajiet ta' taħriġ u aġġornament flimkien ma' l-istaff. | | | | |
| VI | L-istaff u l-membri tal-kunsill ta' l-iskola jaqsmu l-istess perspettiva dwar studenti f'kategoriji meqjusa li għandhom ħtiġijiet individwali. | | | | |
| VII | L-istaff u l-membri tal-kunsill ta' l-iskola jaqsmu l-istess perspettiva dwar l-identifikazzjoni ta' studenti li jiltaqgħu ma' diffikultajiet u dwar kif għandhom jiġu sostnuti. | | | | |
| VIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.1.7. Il-kommunitajiet lokali kollha huma involuti fl-iskola | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-iskola tinvolvi l-komunitajiet lokali fl-attivitajiet tagħha. | | | | |
| II | L-iskola hija involuta f'attivitajiet fil-komunitajiet lokali. | | | | |
| III | Il-membri tal-komunitajiet lokali jaqsmu l-faċilitajiet ma' l-istaff u l-istudenti bħal ngħidu aħna l-librerija, is-sala u l-kantin. | | | | |
| IV | It-taqsimiet kollha tal-komunitajiet lokali jitqiesu bħala riżorsa għall-iskola. | | | | |
| V | Il-fehmiet tal-membri tal-komunitajiet lokali jaffettwaw il-politika, fis-sens ta' *policy*, ta' l-iskola. | | | | |
| VI | Il-kommunitajiet lokali għandhom idea pożittiva ta' l-iskola. | | | | |
| VII | L-iskola tinkoraġġixxi nies mill-komunitajiet lokali biex jaħdmu fl-iskola. | | | | |
| VIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

## A.2. INSEJSU VALURI INKLUŻIVI

| A.2.1. L-iskola għandha aspirazzjonijiet għoljin għal kull student | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Kull student/a iħoss li qiegħed jattendi skola li minnha wieħed jista' jieħu u jikseb dak kollu li kapaċi għalih. | | | | |
| II | L-istudenti kollha huma mħeġġa biex ikollhom aspirazzjonijiet għoljin dwar it-tagħlim tagħhom. | | | | |
| III | L-istudenti kollha jiġu ttrattati bħal qisu m'hemm xejn li ma jistax jintlaħaq minnhom. | | | | |
| IV | Dak li jirnexxilhom jaslu għalih l-istudenti jiġi mqabbel mhux ma' dak li jkun irnexxielu jagħmel ħaddieħor imma f'relazzjonijiet ma' dak li jistgħu jilħqu u jiksbu huma. | | | | |
| V | L-istudenti jagħmlu eżamijiet pubbliċi mhux f'xi etaċ partikolari imma meta jkunu lesti biex joqogħdu għal dawn l-eżamijiet. | | | | |
| VI | L-istudenti kollha jiġu mħeġġa biex ikunu kburin b'dak kollu li jkun irnexxielhom jagħmlu. | | | | |
| VII | L-istudenti kollha jiġu mħeġġa biex japprezzaw il-kisbiet li jkun irnexxielu jagħmel ħaddieħor. | | | | |
| VIII | L-istaff jippruvaw ixejnu ideat negattivi dwar studenti li jsibu l-lezzjonijiet diffiċli. | | | | |
| IX | L-istaff jippruvaw ixejnu l-użu ta' tikketti għal min jibqa' lura fl-iskola. | | | | |
| X | L-iskola tipprova tara x'tagħmel biex tnaqqas il-biża' mill-falliment li jista' jkollhom xi studenti. | | | | |
| XI | L-istaff jevita l-paraguni ta' fejn jista' jasal xi student mal-potenżjal ta' ħutu jew ta' studenti mill-istess inħawi. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.2.2. L-istaff, l-istudenti, il-ġenituri/kustodji u l-komunitaċ jaqsmu bejniethom filosofija ta' inklużjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-iskola tagħti l-istess importanża lill-bini ta' komunitaċ solidali fl-iskola daqs li ġġib 'l quddiem il-kisbiet akkademiċi ta' l-istudenti. | | | | |
| II | L-iskola tagħti l-istess importanża għat- trawwim tal-kollaborazzjoni daqs kemm tħeġġeġ il-valur ta' indipendenża. | | | | |
| III | L-iskola tenfasizza ċ-ċelebrazzjoni tad-differenża aktar milli li kulħadd jikkonforma ma xi kejl wieħed ta' "normalitaċ". | | | | |
| IV | Aktar milli problema, id-diversita' titqies bħala riżorsa importanti ħafna li tgħin biex issostni t-tagħlim. | | | | |
| V | Fl-iskola hemm xewqa u determinazzjoni komuni li jitnaqqsu kemm jista' jkun kull tip ta' inugwaljanża fejn jidħlu l-opportunitajiet. | | | | |
| VI | Hemm xewqa komuni fost l-istaff li jaċċettaw l-istudenti mill-komunitajiet lokali, ikunu xi jkunu l-ambjent li ġejjin minnu, il-livell ta' tagħlim jew diżabilitaċ li jista' jkollhom. | | | | |
| VII | L-istaff huma lesti li jisfidaw attitudnijiet tagħhom stess u ta' oħrajn li jillimitaw sa fejn tista' tasal l-inklużjoni. | | | | |
| VIII | L-inklużjoni tinftiehem bħala proċess kontinwu u bla tmiem ta' twessiegħ fil-parteċipazzjoni iktar milli s-sempliċi fatt jekk wieħed huwiex qiegħed fl-iskola jew barra minnha. | | | | |
| IX | L-esklużjoni tinftiehem bħala proċess li jibda fil-klassijiet u fil-*playgrounds* u li jista' jwassal għal separazzjoni mill-iskola. | | | | |
| X | Il-membri kollha ta' l-iskola jieħdu r-responsabbiltaċ biex jagħmlu l-iskola aktar inkluživa. | | | | |
| XI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.2.3. L-istudenti huma stmati indaqs | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Id-differenżi fl-istruttura tal-familji mhux biss ikunu magħrufin imma anke ċċelebrati. | | | | |
| II | Il-ġenituri/kustodji jitqiesu bħala ta' valur indaqs għall-iskola, ikunu xi jkunu l-i*status* tax-xogħol tagħhom, jew jekk jaħdmux jew humiex qiegħda. | | | | |
| III | Il-varjetaċ ta' l-ambjenti differenti minn fejn ikunu ġejjin l-istudenti titqies bħala element pożittiv għall-ħajja ta' l-iskola. | | | | |
| IV | L-istudenti u l-istaff b'xi diżabilitaċ huma stmati daqs dawk mingħajr diżabilitaċ. | | | | |
| V | L-istudenti li ma jilħqux il-livelli ta' dak mitlub mill-kurrikulu nazzjonali huma stmati daqs dawk li jilħqu livelli għoljin. | | | | |
| VI | Ix-xogħol ta' l-istudenti kollha jintwera fl-iskola u fil-klassijiet tagħhom. | | | | |
| VII | Rapporti dwar il-kisbiet ta' l-istudenti, kemm ġewwa kif ukoll barra l-iskola, jinkludu l-istudenti kollha. | | | | |
| VIII | L-istudenti kollha jispiċċaw l-iskola sekondarja b'ċertifikat akkreditat fuq livell nazzjonali. | | | | |
| IX | Il-kisbiet li jilħqu l-bniet u s-subien jingħataw l-istess sapport u l-istess prominenża. | | | | |
| X | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.2.4. L-istaff u l-istudenti huma stmati bħala bnedmin. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Kull student hu magħruf sew minn xi membru ta' l-istaff. | | | | |
| II | L-istudenti jħossuhom li l-għalliema jħobbuhom. | | | | |
| III | Il-membri kollha ta' l-iskola jitqiesu kemm bħala li qegħdin jitgħallmu kif ukoll bħala għalliema. | | | | |
| IV | L-istudenti jiġu stmati għal dak li huma aktar milli skond il-livell li jkunu laħqu. | | | | |
| V | L-istaff iħossuhom stmati u sostnuti. | | | | |
| VI | Jingħata każ ta' xi avveniment speċjali bħal, ngħidu aħna, xi twelid, xi mewt jew xi mard, u jkun hemm reazzjoni adattata għalihom. | | | | |
| VII | L-istudenti (u l-istaff) jistgħu jsibu s-sapport meħtieġ biex, f'xi jum partikolari, jistqarru li jkunu jħossuhom imweġġgħa, imdejqa jew irrabjati. | | | | |
| VIII | Huwa aċċettat li l-istaff jistgħu jesprimu fil-privat emozzjonijiet personali negattivi dwar xi studenti bħala mezz biex ikunu jistgħu jegħilbu dawn l-istess emozzjonijiet. | | | | |
| IX | L-istaff jevitaw milli b'xi mod jiddemonizzaw xi student/i partikolari. | | | | |
| X | Faċilitajiet bażiċi bħalma huma *toilets, showers* u *lockers,* jinżammu fl-ordni. | | | | |
| XI | L-iskola tirrispetta x-xewqat għall-modestja ta' l-istudenti fl-arranġamenti li tagħmel għall-PE, showers, u għawm. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.2.5. L-istaff jara li jneħħi kull tip ta' xkiel li jista' jtellef milli wieħed jitgħallem jew jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' l-iskola | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istaff jifhmu li għandhom il-possibiltajiet biex jipprevenu diffikultajiet għall-istudenti. | | | | |
| II | L-iskola tqis li kulħadd jista', possibilment, ikollu xi tip ta' diffikultaċ fit-tagħlim. | | | | |
| III | Hemm rikonoxximent li d-diffikultajiet fit-tagħlim jinħolqu mill-interazzjoni bejn l-istudenti u l-ambjent li fih jitgħallmu u jiġu mgħallma l-istudenti. | | | | |
| IV | L-iskola tqis li xkilijiet għat-tagħlim u l-parteċipazzjoni jinqalgħu fl-istess organizzazzjoni, politika, kurrikuli, u metodi ta' tagħlim, minbarra fl-interazzjoni ta' dawn ma' l-istudenti. | | | | |
| V | Ix-xkilijiet għat-tagħlim li jistgħu jinqalgħu minħabba differenżi bejn il-kultura ta' l-iskola u dik tad-dar huma rikonoxxuti u mnaqqsa kemm jista' jkun. | | | | |
| VI | L-iskola tagħraf li l-mod kif xi studenti jibdew jitqiesu bħala li "għandhom ħtiġijiet edukattivi individwali" jista' jwassal biex dawn jiġu mifruda mill-bqija ta' l-istudenti. | | | | |
| VII | L-istaff jevitaw paraguni bejn studenti bi "ħtiġijiet speċjali" u l-bqija ta' sħabhom. | | | | |
| VIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| A.2.6. L-iskola tistinka biex ixxejjen kull forma ta' diskriminazzjoni u sterjotipar. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-iskola tagħmel minn kollox biex tnaqqas kull tip ta' diskriminazzjoni istituzzjonalizzata, kemm minħabba etaċ, razza, klassi, sess, orjentazzjoni sesswali, diżabilitaċ jew livell ta' tagħlim ta' l-istudent/a. | | | | |
| II | L-istaff u l-istudenti jifhmu kif l-għajn tad-diskriminazzjoni hija l-intolleranża għad-differenża. | | | | |
| III | L-istaff u l-istudenti jifhmu li l-politika (fis-sens ta' *policy*) u l-prattika jridu jirriflettu d-diversita' ta' l-istudenti fl-iskola. | | | | |
| IV | Huwa rikonoxxut li kull kultura u reliġjon tiġbor fiha medda ta' veduti u livelli differenti ta' osservanża. | | | | |
| V | L-istaff jevita rwoli sterjotipati għal studenti fi produzzjonijiet ta' l-iskola (bħal ngħidu aħna skond xi tip ta' xagħar jew kulur tal-ġilda). | | | | |
| VI | L-istaff jevita li jkun hemm sterjotipi skond is-sess meta jitqassam xi xogħol, bħal ngħidu aħna fejn jidħlu r-*refreshments* u s-sapport tekniku. | | | | |
| VII | Persuni li huma *gay* jew lesbjani huma stmati mill-iskola bħala parti mid-diversita' umana. | | | | |
| VIII | L-istaff iqis li d-diżabilitaċ tinħoloq meta persuni li jkollhom xi tip ta' nuqqas jiġu wiċċ 'imb'wiċċ ma' attitudnijiet negattivi jew xkilijiet istituzzjonali. | | | | |
| IX | L-istaff jevita li jħares lejn xi nuqqas bħala l-kawża tad-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom fl-iskola studenti b'xi tip ta' diżabilitaċ. | | | | |
| X | L-istaff jagħraf il-limitazzjonijiet ta' tagħrif dwar xi diżabilitaċ biex wieħed jifhem il-possibiltajiet edukattivi ta' xi student/a partikolari. | | | | |
| XI | L-iskola tisfida veduti sterjotipati ta' kif għandu jkun ġisem idejali. | | | | |
| XII | L-istaff jissieltu kontra attitudnijiet sterjotipati dwar persuni b'xi diżabilitaċ, bħal ngħidu aħna, li mhumiex kapaċi li jibnu relazzjonijiet, li huma ta' min jitħassarhom, jew li huma eroj fi ġlieda kontra l-isfortuna. | | | | |
| XIII | L-esklużjoni ta' studenti b'diżabilitaċ severa tinftiehem bħala riflessjoni tal-limitazzjonijiet ta' attitudnijiet u politika adegwata aktar milli ta' diffikultajiet prattiċi. | | | | |
| XIV | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

# B. NOHOLQU POLITIKA INKLUŻIVA

## B.1. NIŻVILUPPAW SKOLA GĦAL KULĦADD

| B.1.1 L-impjieg ta' l-istaff u l-promozzjonijiet ikunu ġusti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-opportunitajiet għall-promozzjoni jidhru bħala li huma miftuħa għal kull min huwa eliġibbli kemm fl-iskola kif ukoll barra minnha. | | | | |
| II | Il-karigi mogħtija jirriflettu bilanċ fl-istaff għal dak li huma sessi u ambjenti li ġejjin minnhom l-istaff. | | | | |
| III | L-iskola għandha strateġija ċara biex jitneħħew ix-xkilijiet li jistgħu jbarru lil xi persuna b'diżabilitaċ milli tkun impjegata. | | | | |
| IV | L-iskola tistabbilixxi miri ta' ugwaljanża fil-kompożizzjoni ta' l-istaff. | | | | |
| V | Fl-għażla ta' l-istaff, l-istima għad-diversita' ta' l-istudenti hija kriterju essenzjali. | | | | |
| VI | L-iskola trawwem l-idea ta' tim ta' bejn faċilitatur/a u għalliem/a u mhux ta' bejn faċilitatur/a u tifel/la. | | | | |
| VII | Hemm arranġamenti ta' *supply cover* għal meta ma jiġux skola xi *support staff* kif ukoll għalliema tal-klassi jew tas-suġġett. | | | | |
| VIII | L-amministrazzjoni ta' l-iskola hija ġusta u raġjonevoli meta tiġi biex tqassam ir-responsabbiltajiet fost l-istaff. | | | | |
| IX | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **B.1.2. L-istaff il-ġdid kollu jħossuhom milqugħa u stmati** | | | | | |
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | L-iskola tagħraf id-diffikultajiet li staff ġodda jista' jkollhom meta jiġu biex jissetiljaw f'xogħol ġdid f'lokalitaċ li tista' tkun ġdida. | | | | |
| II | L-istaff tal-post jaraw li staff ġodda ma jħossuhomx barranin, billi ngħidu aħna jużaw kliem bħal 'aħna' aktar milli 'intom', biex b'hekk ma tingħatax l-idea li l-ġodda qegħdin jiġu esklużi. | | | | |
| III | Kull membru ġdid ta' l-istaff ikollu *mentor* li jkun tassew interessat f'li jgħinu/ha biex tissetilja fl-iskola. | | | | |
| IV | L-iskola tagħmel minn kollox biex l-istaff il-ġdid iħossuhom li l-esperjenża u l-għarfien li huma ġabu magħhom huma stmati. | | | | |
| V | L-iskola taċċetta bil-ferħ l-applikazzjoni ta' ideat ġodda dwar kif wieħed jitgħallem u jgħallem kemm mill-istaff il-ġodda (kif ukoll tal-post). | | | | |
| VI | Ikun hemm opportunitajiet għall-istaff kollu biex dawn jaqsmu l-għarfien u l-kompetenżi tagħhom b'tali mod li din tkun tinkludi l-kontribuzzjonijiet mill-istaff il-ġdid. | | | | |
| VII | Il-membri l-ġodda ta' l-istaff ikunu pprovduti bl-informazzjoni bażika meħtieġa dwar l-iskola. | | | | |
| VIII | L-istaff il-ġdid jintalab jagħti tagħrif u fl-istess ħin jiġi pprovdut b'tagħrif ieħor li jeħtieġu. | | | | |
| IX | L-iskola tfittex osservazzjonijiet dwar l-iskola li jistgħu jagħmlu staff ġodda u tifhem is-siwi tagħhom minħabba xi nebħ ġdid li jista' jkun fihom. | | | | |
| X | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.1.3. L-iskola taċċetta studenti irrispettivament mill-kisbiet jew diżabilitaċ tagħhom. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi specifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istudenti kollha, mil-lokalitaċ jew permezz ta' għażla, huma mħeġġa biex jattendu l-iskola huma x'inhuma l-livelli ta' tagħlim jew diżabilitaċ li jista' jkollhom. | | | | |
| II | L-inklużjoni ta' l-istudenti kollha hija ppubbliċizzata bħala l-politika ta' l-iskola. | | | | |
| III | Il-ġenituri ta' tfal b'ħtiġijiet individwali edukattivi huma megħjuna biex idaħħlu t-tfal tagħhom l-iskola u biex jaqsmu kull tip ta' tħassib dwar il-ħtiġijiet tagħhom. | | | | |
| IV | Tfal ta' familji tas-safar u żgħażagħ li jiġu fl-inħawi, huma milqugħa b'mod attiv fl-iskola. | | | | |
| V | Studenti mill-komunitaċ lokali, li qegħdin fi skejjel speċjali, huma mħeġġa bis-sħiħ biex jattendu l-iskola lokali. | | | | |
| VI | Meta student/a jiġi aċċettat fl-iskola, is-sħubija fil-komunitaċ ta' l-iskola mhijiex kundizzjonali għal xi studenti aktar minn oħrajn. | | | | |
| VII | Ikun hemm evidenża ta' żieda fil-proporżjon ta' studenti mil-lokalitaċ li jkunu inklużi fl-iskola (għal *area schools*). | | | | |
| VIII | Hemm evidenża li qed tiżdied id-diversita' ta' studenti li huma inklużi fl-iskola. | | | | |
| IX | In-numru ta' studenti li ma ġewx aċċettati fl-iskola matul din l-aħħar sena huwa inqas minn tas-snin ta' qabel. | | | | |
| X | Xi indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.1.4. L-iskola tagħmel il-bini fiżikament aċċessibbli għall-persuni kollha | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Fil-kunsiderazzjonijiet biex il-bini jsir aktar aċċessibbli jingħata kas tal-ħtiġijiet ta' dawk neqsin mis-smigħ, mid-dawl kif ukoll dawk b'nuqqasijiet fiżiċi oħra. | | | | |
| II | L-iskola tara li kull parti ta' l-iskola li għandha x'taqsam mal-bini hija aċċessibbli, bħall-*grounds*, il-klassijiet, il-kurituri, it-*toilets*, il-ġonna, il-*playgrounds,* il-kantin u l-post fejn ikun hemm l-esibizzjonijiet. | | | | |
| III | Organizzazzjonijiet ta' nies b'diżabilitaċ jiġu kkonsultati dwar l-aċċessibilitaċ ta' l-iskola. | | | | |
| IV | L-aċċessibilitaċ għal min għandu diżabilitaċ hija parti mill-ippjanar tat-titjib tal-bini. | | | | |
| V | L-iskola tagħti kas tal-ħtiġijiet ta' l-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs tas-sena 2000 biex isir progress fuq l-aċċessibilitaċ fl-iskola. | | | | |
| VI | L-aċċessibilitaċ titqies bħala li tolqot lill-istaff, ġenituri/kustodji u membri oħra tal-komunitaċ li jkollhom xi diżabilitaċ kif ukoll lill-istudenti. | | | | |
| VII | Proġetti li għandhom x'jaqsmu mat-titjib fl-aċċessibilitaċ tal-bini ta' l-iskola huma parti mill-kurrikulu ta' l-iskola. | | | | |
| VIII | L-iskola tiddedika xi parti mill-fondi tagħha kull sena biex ittejjeb l-aċċessibilitaċ fiżika ta' l-iskola għal kulħadd jew għal xi tifel/tifla partikolari. | | | | |
| IX | Xi indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.1.5. L-istudenti ġodda kollha jingħataw is-sapport biex iħossuhom milqugħa u jissetiljaw fl-iskola | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-iskola għandha programm ta' tħejjija għal dħul fl-iskola ta' l-istudenti. | | | | |
| II | Il-programm ta' tħejjija jaħdem tajjeb għall-istudenti u l-familji tagħhom kemm jekk dawn jidħlu fil-bidu tas-sena kif ukoll jekk jidħlu aktar tard. | | | | |
| III | Hemm tagħrif għall-ġenituri/kustodji fuq is-sistema edukattiva nazzjonali u lokali kif ukoll dwar l-iskola. | | | | |
| IV | Il-programm ta' tħejjija jagħti kas tad-differenżi li l-istudenti jkollhom kemm f'dak li jkun irnexxielhom jiksbu diġà kif ukoll f'dik li hija l-lingwa tad-dar. | | | | |
| V | Meta jidħlu l-iskola għall-ewwel darba, studenti ġodda jingħataw sapport minn student/a ieħor/ra b'esperjenza ta' l-iskola. | | | | |
| VI | Jittieħdu passi biex jinstab kemm l-istudenti jħossuhom f'posthom l-iskola wara xi ġimgħat li jkunu ġew. | | | | |
| VII | Ikun hemm sapport għal studenti li jsibuha iebsa biex jiftakru l-mod kif ikun imqassam il-bini, partikolarment meta dawn jiġu l-iskola għall-ewwel darba. | | | | |
| VIII | Studenti ġodda jafu sew għand min għandhom imorru meta jkollhom xi diffikultajiet. | | | | |
| IX | Jittieħdu passi biex l-istudenti jsiru midħla ta' l-iskola qabel dawn jiġu trasferiti mill-kindergaten jew mill-iskola primarja. | | | | |
| X | Meta l-istudenti jkunu se jiġu trasferiti minn skola għal oħra, l-istaff f'kull skola jikkollabora biex din il-bidla tkun kemm jista' jkun waħda faċli. | | | | |
| XI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.1.6. L-iskola tirranġa l-gruppi tat-tagħlim tagħha b'mod li l-istudenti kollha jkunu stmati | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Gruppi tat-tagħlim/klassijiet jiġu ttrattati b'mod ġust meta jiġu biex jużaw faċilitajiet, allokazzjoni ta' klassijiet għat-tagħlim, allokazzjoni ta' għalliema u numru ta' staff. | | | | |
| II | Meta jiġu ppjanati gruppi ta' tagħlim tingħata attenżjoni għall-ħbiberija. | | | | |
| III | Jitnaqqsu kemm jista' jkun l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' tagħlim skond livelli ta' tagħrif jew skond xi tip ta' diżabilitaċ. | | | | |
| IV | Meta jkun hemm is-*setting* jkun hemm ippjanar biex tiġi evitata l-iskuntentizza fis-*sets* t'isfel. | | | | |
| V | Meta jkun hemm is-*setting*, ikun hemm arranġamenti biex l-istudenti jkollhom opportunitajiet indaqs biex jgħaddu minn sett għal ieħor. | | | | |
| VI | Il-gruppi fil-klassijiet huma irranġati mill-ġdid, xi mindaqqiet, biex tiġi nkoraġġita l-koeżjoni soċjali. | | | | |
| VII | L-iskola tara kif tindirizza l-effetti li l-issettjar skond kriterji ta' livelli akkademiċi jew ta' oħrajn jista' jkollu fuq il-kompożizzjoni tal-gruppi skond is-sess. | | | | |
| VIII | L-iskola hija konxja mill-provediment legali tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li għandhom jiġu m'għallma flimkien studenti li għandhom jew m'għandhomx diffikultajiet fit-tagħlim. | | | | |
| IX | Meta jkun hemm żbilanċ kbir fid-dħul ta' bniet u subien f'xi sena partikolari, l-iskola tikkonsidra li tistabbilixxi klassijiet bi bniet jew subien biss. | | | | |
| X | L-iskola tevita li tirrestrinġi l-kurrikulu (bħal ngħidu aħna titħalla barra lingwa barranija) għal studenti li jkollhom sapport miżjud fil-litteriżmu. | | | | |
| XI | L-iskola taddatta u tiddiversifika l-kurrikulu biex dan ikun jista' jilħaq il-ħtiġijiet ta' l-istudenti individwali kemm fil-profonditaċ kif ukoll fil-wisgħa tagħhom. | | | | |
| XII | L-iskola tinkoraġġixxi l-adattament tal-preżentazzjoni ta' lezzjonijiet fuq livell ta' klassi sħiħa biex jiġi assigurat li l-istudenti kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw u jsibu sens fihom. | | | | |
| XIII | Fejn ikun hemm għażliet ta' *options*, l-istudenti kollha jingħataw iċ-ċans li jagħmlu għażliet veri. | | | | |
| XIV | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

## B.2 NORGANIZZAW SAPPORT GĦAD-DIVERSITA'

| B.2.1. Kull forma ta' sapport huwa kkoordinat | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Kull politika ta' sapport tifforma parti minn strateġija għall-iżvilupp tat-tagħlim u l-kurrikuli għad-diversita' fl-iskola kollha. | | | | |
| II | Hemm politika ġenerali ta' sapport li hija ċara għal kulħadd fl-iskola, kif ukoll għal dawk li jgħinu fit-tagħlim minn barra l-iskola. | | | | |
| III | Il-politika ta' sapport hija diretta biex tippreveni milli jinħolqu diffikultajiet fit-tagħlim għall-istudenti. | | | | |
| IV | Is-sapport li jingħataw l-individwi għandu l-għan li jżid l-indipendenża tagħhom minnha. | | | | |
| V | Il-koordinazzjoni tas-sapport għall-istudenti għandha status għoli fl-iskola u hija mmexxija minn persuna fi grad għoli tal-istaff. | | | | |
| VI | Il-politika ta' sapport għall-istudenti hija gwidata minn dak li hu l-aħjar għall-istudenti u mhux mill-interessi tal-professjonisti biex iżommu l-imperu tagħhom. | | | | |
| VII | Is-sapport għall-istudenti li jiġu wiċċ imbwiċċ ma' xkilijiet fit-tagħlim u l-parteċipazzjoni hija meqjusa bħala responsabbiltaċ tal-membri kollha ta' l-istaff. | | | | |
| VIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.2.2. L-attivitajiet ta' żvilupp għall-istaff jgħinu lill-istaff iwieġeb għall-ħtiġijiet tad-diversita' ta' l-istudenti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi specifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettq u ta' sikwit | Inwettq u bi kwalita' |
| I | L-attivitajiet ta' żvilupp għall-istaff jgħinu biex ikun hemm kollaborazzjoni effettiva bejn l-istaff fil-klassijiet. | | | | |
| II | It-tagħlim kollaborattiv huwa segwit b'riflessjoni komuni biex tgħin l-għalliema jwieġbu b'mod effettiv għad-diversita' ta' l-istudenti. | | | | |
| III | L-istaff jingħataw taħriġ biex jiffokaw l-attenżjoni fuq l-perspettiva ta' l-istudenti fl-attivitajiet kollha. | | | | |
| IV | L-istaff josservaw il-lezzjonijiet ta' xulxin biex jirriflettu fuq il-mod kif jaħsbuha l-istudenti. | | | | |
| V | L-istaff jingħataw taħriġ biex joħloqu u jmexxu attivitajiet ta' tagħlim kollaborattiv. | | | | |
| VI | L-għalliema u l-faċilitaturi/l-assistenti tal-klassi għandhom oportunitajiet biex jiżviluppaw aktar kollaborazzjoni effettiva bejniethom. | | | | |
| VII | Hemm opportunitajiet għall-istaff u l-istudenti biex jitgħallmu dwar kif l-istudenti nfushom jistgħu jgħallmu lil xulxin *(peer tutoring).* | | | | |
| VIII | L-għalliema u l-istaff tas-sapport jitgħallmu dwar kif jużaw it-teknoloġija biex jgħinu fit-tagħlim (bħal kameras, *video, overhead projector, tape-recorders,* u kompjuters/Internet). | | | | |
| IX | L-istaff jesplora modi kif inaqqas l-iskuntentizza billi l-istudenti jieħdu sehem dejjem aktar fil-kurrikuli. | | | | |
| IX | Tingħata edukazzjoni dwar l-ideat dwar diżabilitaċ u ugwaljanża lill-istaff kollha. | | | | |
| X | L-istaff kollha jitgħallmu kif ixejnu l-ibbulijar, ir-razziżmu, is-sessiżmu u l-omofobija. | | | | |
| XI | L-istaff u l-mexxejja/amministraturi jieħdu r-responsabbiltaċ biex huma stess jassessjaw il-ħtiġijiet tat-tagħlim tagħhom stess. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| B.2.3. Il-politika ta' "Ħtiġijiet Individwali" hija politika li tittieħed fuq livell ta' skola sħiħa | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-iskola tipprova tnaqqas l-ittimbrar ta' studenti bħala "li għandhom ħtiġijiet edukattivi speċjali". | | | | |
| II | L-iskola ssejjaħ lill-koordinatur tas-sapport, koordinatur tas-sapport għat-tagħlim jew ta' l-inklużjoni, aktar mill-'koordinatur ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali.' | | | | |
| III | L-istudenti li jkunu identifikati bħala li 'għandhom ħtiġijiet edukattivi individwali', huma meqjusa bħala individwi li għandhom interessi, għerf u ħiliet varjati aktar milli bħala parti minn grupp simili f'kollox. | | | | |
| IV | L-isforżi li jsiru biex jitneħħew ix-xkilijiet għat-tagħlim ta' student partikolari jitqiesu bħala opportunitajiet biex titjieb l-esperjenża tal-klassi għall-istudenti kollha. | | | | |
| V | Is-sapport jingħata bħala dritt ta' dawk l-istudenti li jinħtiġuh aktar milli xi żieda speċjali għall-edukazzjoni tagħhom. | | | | |
| VI | Id-dettalji dwar is-sapport li għalih huma intitolati l-istudenti isiru pubbliċi għall-istudenti u l-ġenituri/kustodji. | | | | |
| VII | Fejn hu possibbli s-sapport jiġi pprovdut mingħajr ma wieħed jirrikorri għal xi proċeduri ta' assessjar formali. | | | | |
| VIII | Il-politika li tolqot l-iskola kollha għandha l-għan li żżid it-tagħlim u l-parteċipazzjoni, u li tara li ħadd ma jibqa' barra. | | | | |
| IX | Isir sforż biex jitnaqqas it-teħid ta' studenti barra mil-lezzjonijiet tal-klassi tagħhom meta jkollhom bżonn ta' sapport individwali. | | | | |
| X | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| B.2.4. Il-provedimenti għal ħtiġijiet edukattivi individwali jintużaw biex jitnaqqas ix-xkiel għat-tagħlim u tiżdied il-parteċipazzjoni ta' l-istudenti kollha | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-operazzjoni għall-provedimenti għal ħtiġijiet edukattivi individwali (IEN) huma parti sħiħa mill-politika ta' l-iskola kollha. | | | | |
| II | Il-provedimenti għall-IEN huma primarjament meqjusa bħala provediment ta' sapport iktar milli għall-assessjar u kategorizzazzjoni. | | | | |
| III | Is-sapport għat-tagħlim għad-diversita' jitqies bħala alternattiva għas-sapport individwali wara li tkun saret il-kategorizzazzjoni. | | | | |
| IV | Is-servizzi ta' sapport minn barra l-iskola jikkontribwixxu għall-ippjanar aħjar tal-mod kif wieħed jgħallem u kif wieħed jitgħallem biex jiġu evitati xkilijiet għat-tagħlim. | | | | |
| V | L-istaff joħolqu qafas ċar għas-servizzi ta' sapport ta' barra mill-iskola biex ikunu jafu kif jistgħu jgħinu fit-tagħlim ġo l-iskola. | | | | |
| VI | Aġenziji ta' sapport minn barra l-iskola jifhmu r-rwol tagħhom fit-titjib tat-tagħlim u l-parteċipazzjoni ta' l-istudenti kollha. | | | | |
| VII | Il-Pjanijiet Edukattivi Individwali (IEPs) jikkonsistu f'modi kif jiġi provdut aċċess u parteċipazzjoni fil-qafas tal-kurrikulu komuni. | | | | |
| VIII | l-IEPs jgħinu biex jitjiebu l-arranġamenti ta' kif l-istudenti kollha jitgħallmu u jiġu mgħallma. | | | | |
| IX | Id-dokumentazzjoni uffiċjali ta' IEN tinbena fuq il-kapaċitajiet ta' l-istudenti u l-possibiltajiet ta' l-iżvilupp tagħhom, aktar milli tikkonċentra fuq li toqgħod tidentifika xi nuqqasijiet. | | | | |
| X | Id-dokumentazzjoni ta' IEN tispeċifika l-bidliet fl-arranġamenti kif wieħed jgħallem u jiġi mgħallem, li jkunu meħtieġa biex tiżdied il-parteċipazzjoni fil-kurrikulu regulari u t-taħlit ma' l-istudenti l-oħra. | | | | |
| XI | Dokumentazzjoni uffiċjali ta' IEN tispeċifika s-sapport meħtieġ biex tikber kemm jista' jkun il-parteċipazzjoni fil-kurrikuli u komunitajiet regulari. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . . | | | | |

| B.2.5. Il-politika ta' sapport kemm pastorali kif ukoll li għandha x'taqsam ma' l-imġiba hija marbuta ma' l-iżvilupp tal-kurrikulu | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-għan li jiżdied it-tagħlim u s-sehem ta' l-istudenti għandu jitqies bħala l-iskop ewlieni tal-ħidma fl-imġiba u l-pastorali ta' l-istaff li joffru s-sapport. | | | | |
| II | Id-diffikultajiet fl-imġiba jkunu marbuta ma' strateġija biex ikun hemm titjib fil-klassi u fl-esperjenżi li t-tfal ikollhom fil-*playground.* | | | | |
| III | Sapport f'dik li hija mġiba jingħata b'riflessjoni fuq il-modi li wieħed jista' jadotta biex itejjeb il-mod kif jintgħallmu u jitgħallmu l-istudenti kollha. | | | | |
| IV | Sapport f'dik li hija mġiba, tindirizza dawk ix-xkilijiet li jkun hemm biex wieħed jitgħallem, jew jipparteċipa fil-politika u l-kultura ta' l-iskola, kif ukoll fil-prattika. | | | | |
| V | L-għalliema kollha u l-assistenti li jagħtu s-sapport ikunu mħarrġa biex iwieġbu għat-tħassib dwar l-iskuntentizza u l-isfrattu ta' l-istudenti. | | | | |
| VI | L-iskola tagħmel minn kollox biex min ma jkollux opinjoni tajba tiegħu nnifsu jgħolliha u jtejjibha. | | | | |
| VII | L-għarfien li l-ġenituri/kustodji għandhom dwar it-tfal tagħhom jintuża biex jingħeleb it-tħassib dwar l-iskuntentizza u l-isfrattu fl-iskola. | | | | |
| VIII | L-istudenti kollha jgħinu biex jintrebħu l-iskuntentizza u l-isfrattu fl-iskola. | | | | |
| IX | Sapport lil tfal fil-kustodja ta' l-istat jew tal-knisja jgħin biex huma jmorru 'il quddiem fl-edukazzjoni. | | | | |
| X | Sapport lil tfal fil-kustodja ta' l-istat jew tal-knisja jgħin biex ikun hemm relazzjonijiet tajbin bejn l-iskola u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal. | | | | |
| XI | Il-politika ta' sapport għal titjib fl-imġiba, kif ukoll dik pastorali, tagħraf li għandha tingħata għajnuna lil dawk l-istudenti li jkollhom il-problemi tagħhom. | | | | |
| XII | Jittieħdu passi biex tiġI studjata t-tendenża għala iktar subien milli bniet imorru ħażin u juru nuqqas ta' affett. | | | | |
| XIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.2.6. Jitnaqqsu l-pressjonijiet biex tintuża l-esklużjoni bħala miżura ta' dixxiplina | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-esklużjoni dixxiplinarja titqies bħala proċess li jista' jiġi interrott bis-sapport u l-intervent fir-relazzjonijiet ta' waqt it-tagħlim bejn l-għalliema u l-istudenti. | | | | |
| II | Isiru laqgħat li jinvolvu lill-istaff, lill-istudenti, lill-ġenituri/kustodji u oħrajn, li jippruvaw jittrattaw problemi b'mod flessibbli qabel ma dawn jeskalaw. | | | | |
| III | Huwa rikonoxxut li hemm rabta bejn divalwazzjoni ta' l-istudenti, skuntentizza, sfrattu u l-esklużjoni bħala miżura dixxiplinarja. | | | | |
| IV | Il-miżuri li jittieħdu dwar xi problemi li jistgħu jinqalgħu fejn tidħol l-imġiba ta' l-istudenti jitqiesu bħala mezz li jgħin fl-edukazzjoni u r-rijabilitazzjoni aktar milli bħala mezz ta' tpattija. | | | | |
| V | Studenti jew oħrajn li b'xi mod ikunu jidhru li offendew il-komunitaċ ta' l-iskola jiġu ttrattati bil-maħfra. | | | | |
| VI | Hemm pjanijiet ċari u pożittivi biex studenti li jkunu ġew esklużi mill-iskola minħabba xi raġunijiet dixxiplinarji jiġu introdotti lura mill-ġdid. | | | | |
| VII | L-iskola għandha politika biex kemm jista' jkun jitnaqqsu kull forma ta' esklużjoni bi skop ta' dixxiplina, kemm għal ftit taż-żmien kif ukoll għal dejjem, kemm formali kif ukoll informali. | | | | |
| VIII | L-għan li titnaqqas l-esklużjoni bi skop ta' dixxiplina, għal ftit taż-żmien, għal dejjem, formali u informali huwa komuni fost l-istaff. | | | | |
| IX | Jinżammu *rekords* ċari dwar esklużjonijiet dixxiplinarji formali kif ukoll informali. | | | | |
| X | Jiġu pprovduti rapporti regolari għall-amministrazzjoni dwar esklużjonijiet dixxiplinarji. | | | | |
| XI | L-esklużjonijiet formali u informali qed jonqsu. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.2.7. Jitnaqqas kull xkiel li jtellef studenti milli jattendu regulari | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | Kull tip ta' xkiel li jtellef lil studenti milli jattendu regulari jiġi studjat fl-iskola kif ukoll fost l-attitudnijiet tat-tfal u taż-żgħażagħ kif ukoll fid-djar. | | | | |
| II | L-iskola tevita li tuża l-iskartar mill-iskola bħala raġuni biex tintuża l-esklużjoni dixxiplinarja. | | | | |
| III | Huwa rikonoxxut li hemm relazzjoni bejn in-nuqqas ta' attendenża, l-ibbulijar u n-nuqqas ta' ħbiberija ta' sapport. | | | | |
| IV | F'każi fejn studenti bniet joħorġu tqal, l-iskola tagħti s-sapport possibbli u bl-ebda mod ma tkun diskriminatorja ma' dawn it-tfajliet. | | | | |
| V | F'każi fejn studenti jmutilhom xi ħadd, ikunu morda fit-tul jew li jagħmlu żmien twil ma jmorrux skola, l-iskola tiffaċilita r-ritorn għal parteċipazzjoni mill-ġdid fl-iskola. | | | | |
| VI | Hemm ftehim ċar dwar il-*leave* estiż li diġà ġie nnegożjat mal-komunitajiet ta' l-iskola. | | | | |
| VII | Hemm gwidi biex jiġu integrati fil-kurrikulu l-esperjenżi ta' dawk li ma jkunux attendew skola għal perijodi twal. | | | | |
| VIII | Hemm pjan biex titjieb il-ko-operazzjoni bejn l-istaff u l-ġenituri/kustodji dwar kif jiġi trattat l-iskartar mill-skola. | | | | |
| IX | Hemm strateġija kkoordinata bejn l-iskola u aġenżiji oħra. | | | | |
| X | Hemm sistema effiċjenti biex jiġu rrapportati assenżi mill-iskola u biex tinstab ir-raġuni għal dan l-assenteiżmu. | | | | |
| XI | Jinżamm rekord ta' assenteiżmu minn lezzjonijiet individwali. | | | | |
| XII | L-assenteiżmu minn xi lezzjonijiet individwali jitqies bħala raġuni biex tiġi studjata r-relazzjoni ma' l-għalliema u t-tagħlim li jkun qed jiġi offrut. | | | | |
| XIII | Il-figuri li tiġbor l-iskola huma riflessjoni eżatta ta' l-assenżi 'reali' mhux awtorizzati. | | | | |
| XIV | L-assenżi ta' l-istudenti 'mhux awtorizzati' qegħdin jonqsu. | | | | |
| XV | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| B.2.8. L-ibbulijar jitnaqqas bis-sħiħ. | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Hemm idea komuni bejn l-istaff, il-ġenituri/kustodji, mexxejja/amministraturi u studenti dwar x'jifhmu liema mġieba tikkostitwixxi bbulijar. | | | | |
| II | L-ibbulijar huwa meqjus bħala riskju kull fejn hemm relazzjonijiet ta' poter. | | | | |
| III | L-ibbulijar jitqies li jista' jsir permezz ta' kliem u tingiż emozzjonali daqs kemm b'xi assalt fiżiku. | | | | |
| IV | Theddid ta' ksur ta' ħbiberija jitqies bħala għajn għall-ibbulijar. | | | | |
| V | L-ibbulijar jitqies li jista' jseħħ fl-iskola, bejn l-istaff, bejn l-istaff u l-istudenti, l-istaff u l-ġenituri/kusatodji kif ukoll bejn l-istudenti nfushom. | | | | |
| VI | Kummenti u mġiba ta' xejra razzista, sessista u omofobista, jitqiesu bħala aspetti ta' bbulijar. | | | | |
| VII | Hemm stqarrija ċara ta' politika dwar l-ibbulijar, aċċessibli għall-mexxejja/amministraturi, staff, studenti, ġenituri/kustodji u membri oħra tal-komunitaċ, u li tispeċifika fid-dettall x'tip ta' mġiba hija jew mhijiex aċċettabbli għall-iskola. | | | | |
| VIII | L-iskola għandha numru ta' rġiel u nisa differenti li jistgħu jiġu mfittxija mis-subien u mill-bniet biex jiddiskutu l-problemi tagħhom dwar l-ibbulijar u jsibu għajnuna dwarhom. | | | | |
| IX | L-istudenti jafu għand min għandhom imorru jekk ikun hemm min jibbulijahom. | | | | |
| X | Hemm persuni kemm l-iskola kif ukoll barra minnha li l-istaff jistgħu jirrikorru għandhom jekk iħossuhom li qed jiġu bbulijati. | | | | |
| XI | L-istudenti huma nvoluti fil-ħolqien ta' strateġiji biex jiġi evitat u jitnaqqas l-ibbulijar. | | | | |
| XII | Jinżammu rekords ċari dwar inċidenti ta' bbulijar. | | | | |
| XIII | L-ibbulijar qiegħed jitnaqqas. | | | | |
| XIV | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

# Ċ. NEVOLVU PRATTIKA INKLUŻIVA

## Ċ.1. NORKESTRAW IT-TAGĦLIM BIEX INWIEĠBU GĦAD-DIVERSITA' TA' L-ISTUDENTI

| Ċ.1.1. Il-lezzjonijiet jiżviluppaw għarfien tad-differenżi | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi specifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istudenti huma mħeġġa biex jesploraw veduti li huma differenti minn tagħhom. | | | | |
| II | Jiġu pprovduti opportunitajiet għall-istudenti biex jaħdmu ma' oħrajn li huma differenti minnhom f'dak li huwa ambjent minn fejn ġejjin, sess, u ħila. | | | | |
| III | L-istaff jevita rimarki diskriminatorji ta' xeħta klassista, sessista, razzista, omofobika jew li jirreferu għal xi difett. | | | | |
| IV | Il-kurrikulu maħsub li jiżviluppa kultura li permezz tagħha l-istudenti jifhmu d-differenżi tal-ambjenti minn fejn wieħed ikun ġej, tal-kultura, tas-sessi, ta' diżabilita', ta' l-orjentazzjoni sesswali u tar-reliġjon. | | | | |
| V | L-istudenti għandhom l-opportunitaċ li jikkomunikaw ma' tfal u żgħażagħ f'postijiet oħra tad-dinja. | | | | |
| VI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.2. L-għalliema jaraw li l-istudenti kollha jingħataw is-sapport meħtieġ biex jitgħallmu u jipparteċipaw | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Il-lezzjonijiet ikabbru t-tagħlim ta' l-istudenti kollha. | | | | |
| II | Il-lezzjonijiet jinbnew fuq id-diversita' ta' l-esperjenżi ta' l-istudenti. | | | | |
| III | Il-lezzjonijiet jirriflettu d-differenżi fl-għarfien ta' l-istudenti. | | | | |
| IV | Il-lezzjonijiet jirriflettu r-rati differenti li bihom l-istudenti jlestu x-xogħol. | | | | |
| V | Fil-lezzjonijiet tingħata importanża għall-istili differenti ta' kif jitgħallmu l-istudenti. | | | | |
| VI | L-għanijiet ta' l-attivitajiet tat-tagħlim huma ċari. | | | | |
| VII | Attivitajiet ta' kkupjar mekkaniku jiġu evitati. | | | | |
| VIII | Il-lezzjonijiet xi mindaqqiet jibdew minn xi esperjenża li l-istudenti jkunu qasmu flimkien u li tista' tiġi żviluppata b'modi differenti. | | | | |
| IX | Il-lezzjonijiet jinvolvu xogħol li għandu jsir mill-individwi, fi gruppi ta' tnejn tnejn, fi gruppi sħaħ u fil-klassi kollha. | | | | |
| X | Fil-lezzjonijiet hemm varjetaċ ta' attivitajiet, fosthom diskussjonijiet, preżentazzjonijiet orali, kitba, tpinġija, taħbil il-moħħ, użu tal-librerija, materjal awdjo-viżiv, xogħlijiet prattiċi u użu ta' teknoloġija ta' l-informatika. | | | | |
| XI | Il-kurrikulu jħalli spażju biex it-tfal jitgħallmu suġġetti differenti b'modi differenti, ngħidu aħna bil-Malti u bl-Ingliż, jew permezz ta' diskors orali jew miktub. | | | | |
| XII | L-istudenti jkollhom l-opportunitajiet biex jirrekordjaw ix-xogħol tagħhom b'modi differenti bħal ngħidu aħna, bl-użu ta' l-ewwel lingwa li tiġi tradotta, bit-tpinġija, bil-fotografija u bit-*tapes*. | | | | |
| XIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.3. Il-lezzjonijiet huma aċċessibli għall-istudenti kollha | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Tingħata attenżjoni partikolari biex il-lingwa kemm mitkellma kif ukoll miktuba tintlaħaq minn kulħadd. | | | | |
| II | Il-lezzjonijiet jibnu fuq l-esperjenża tal-lingwa ta' l-istudenti 'l barra mill-iskola. | | | | |
| III | Il-vokabolarju tekniku jiġi spjegat u pprattikat matul il-lezzjonijiet. | | | | |
| IV | Il-materjal tal-kurrikulu jirrifletti l-ambjenti u l-esperjenżi ta' kull min ikun qiegħed jitgħallem. | | | | |
| V | Jingħataw opportunitajiet lil dawk l-istudenti li ma għandhomx ħakma tajba ta' l-ilsien Ingliż biex jifhmu l-lingwa li biha jitgħallmu u jiġu mgħallma. | | | | |
| VI | L-istaff jagħraf l-isforż fiżiku li ċerti studenti, li jkollhom xi nuqqas fiżiku jew xi mard kroniku, ikollhom jagħmlu, u l-għejja li tista' tirriżulta minn dan kollu. | | | | |
| VII | L-istaff jagħraf l-isforż mentali li jkollu jsir minn ċertu studenti, ngħidu aħna, dawk li jużaw il-*lip-reading* jew dawk li jagħmlu użu minn *vision aids.* | | | | |
| VIII | L-istaff jagħraf il-ħtieġa ta' ħin itwal minn studenti b'xi diżabilitaċ meta jiġu biex jagħmlu użu minn xi tagħmir f'xogħol prattiku. | | | | |
| IX | Meta jiġi applikat tagħlim għall-klassi kollha, l-istaff jagħmlu sforż biżżejjed biex jaddattaw il-preżentazzjonijiet tal-lezzjonijiet biex jassiguraw li l-istudenti kollha jipparteċipaw b'mod li jagħmel sens. | | | | |
| X | L-istaff jipprovdi mezzi alternattivi ta' aċċess għall-esperjenża u t-tagħrif għal dawk l-istudenti li ma jkunux jistgħu jieħdu sehem f'ċerti attivitajiet, bħal ngħidu aħna meta jkun meħtieġ l-użu ta' apparat fix-xjenża, xi forom ta' eżerċizzji fl-edukazzjoni fiżika, jew ix-xjenża ottika għal studenti neqsin mid-dawl. | | | | |
| XI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.4.L-istudenti huma involuti bis-sħiħ fit-tagħlim tagħhom stess | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi specifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | L-istudenti jiġu mħeġġa biex jieħdu r-responsabbiltaċ tat-tagħlim tagħhom. | | | | |
| II | Tingħata informazzjoni ċara dwar x'wieħed ikun jistenna mit-tagħlim fil-lezzjoni jew f'sett ta' lezzjonijiet. | | | | |
| III | L-ambjent tal-klassi, il-wirjiet u riżorsi oħra jgħinu biex l-istudenti jistgħu jitgħallmu b'mod indipendenti. | | | | |
| IV | Jingħata sapport tat-tip hekk imsejjaħ *'scaffolding'* bil-għan li l-istudenti jingaġġaw fit-tagħlim filwaqt li jkunu jistgħu jirreferu għal għerf u ħiliet li huma diġà għandhom. | | | | |
| V | Il-pjanijiet tal-kurrikulu huma maqsuma ma' l-istudenti biex b'hekk ikunu jistgħu jaħdmu b'rata aktar mgħaġġla jekk ikunu jridu. | | | | |
| VI | L-istudenti jingħataw għażla fl-attivitajiet ta' tagħlim. | | | | |
| VII | Jiġu identifikati l-interessi ta' l-istudenti, u t-tagħlim kurrikulari jinbena fuq dawn. | | | | |
| VIII | L-għerf u l-ħiliet li jinkisbu indipendentement mill-istudenti huma stmati u jsiru referenżi għalihom waqt il-lezzjonijiet. | | | | |
| IX | L-istudenti jiġu mgħallma kif jieħdu n-noti mill-ispjegazzjonijiet u mill-kotba u kif jorganizzaw ix-xogħol tagħhom. | | | | |
| X | L-istudenti jiġu mgħallma kif jagħmlu r-reviżjoni meta jiġu biex iħejju għal xi testijiet u/jew eżamijiet. | | | | |
| XI | L-istudenti jintgħallmu kif jagħmlu t-tiftix u jiktbu dwar xi suġġett. | | | | |
| XII | L-istudenti jkollhom il-ħila jużaw il-librerija u r-riżorsi ta' l-ICT b'mod indipendenti. | | | | |
| XIII | L-istudenti jintgħallmu kif jippreżentaw ix-xogħol tagħhom, kemm bil-kelma kif ukoll bil-kitba, individwalment u fi gruppi. | | | | |
| XIV | L-istudenti jkunu mħeġġa biex jiġbru fil-qosor dak li jkunu tgħallmu, kemm verbalment kif ukoll bil-kitba. | | | | |
| XV | L-istudenti jiġu kkonsultati dwar il-kwalitaċ tal-lezzjonijiet. | | | | |
| XVI | L-istudenti jiġu kkonsultati dwar is-sapport li huma jkunu jinħtieġu. | | | | |
| XVII | L-istudenti jkunu involuti fl-iddisinjar ta' materjal tat-tagħlim għal xulxin. | | | | |
| XVIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.5. L-istudenti jitgħallmu jikkollaboraw bejniethom | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi specifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istudenti jqisu s-sapport li jingħata u jiġi rċevut bħala parti mill-attivitaċ ordinarja tal-klassi. | | | | |
| II | Hemm regoli stabbiliti għall-istudenti biex kulħadd ikun imissu jitkellem, jisma' u jitlob xi kjarifikazzjonijiet minn xulxin jew minn għand l-istaff. | | | | |
| III | L-istudenti joffru minn jeddhom li jaqsmu bejniethom l-għerf u l-ħiliet tagħhom. | | | | |
| IV | Meta jiġu offruti għajnuna li ma jkunux jinħtiġuha, l-istudenti jistgħu jirrifjutawha b'mod pulit. | | | | |
| V | It-tagħlim permezz ta' ħidma fi gruppi hija parti regolari mill-attivitaċ tal-klassi. | | | | |
| VI | L-attivitajiet fi gruppi jagħtu ċ-ċans lill-istudenti biex jaqsmu l-ħidmiet li jkollhom bejniethom u jiġbru bejniethom dak li jkunu tgħallmu. | | | | |
| VII | L-istudenti jitgħallmu kif jikkompilaw rapport ta' grupp magħmul minn kontribuzzjonijiet differenti tal-membri. | | | | |
| VIII | Meta ħaddieħor fil-klassi jkollu xi problemi, l-istudenti jgħinuh/a biex jikkalma aktar milli jkomplu jimlewh. | | | | |
| IX | L-istudenti jagħrfu li kull student għandu jkollu ċ-ċans li jidher u jiġbed l-attenżjoni tal-klassi. | | | | |
| X | L-istudenti jkunu involuti biex jgħinu lil xulxin jissettjaw miri edukattivi. | | | | |
| XI | L-istudenti jkunu involuti fl-assessjar tat-tagħlim ta' xulxin. | | | | |
| XII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.6. Il-*homework* jgħin biex jitgħallem kulħadd | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | Il-*homework* dejjem ikollu għan ċar ta' tagħlim. | | | | |
| II | L-istudenti jingħataw opportunitaċ suffiċjenti biex jikkjarifikaw il-ħtiġijiet tal-*homework* qabel it-tmiem tal-lezzjonijiet. | | | | |
| III | Il-*homework* jestendi l-għerf u l-ħiliet ta' l-istudenti kollha. | | | | |
| IV | Jingħataw opportunitajiet biex il-*homework* jintwera b'modi varjati. | | | | |
| V | Il-*homework* jinkoraġġixxi l-istudenti biex jieħdu r-responsabbiltaċ għat-tagħlim tagħhom stess. | | | | |
| VI | Dawk li jissettjaw il-*homework* jassiguraw li dan ikun jista' jsir mingħajr għajnuna mill-ġenituri/kustodji. | | | | |
| VII | L-għalliema jgħinu 'l xulxin dwar kif jista' jingħata *homework* ta' siwi għall-istudenti. | | | | |
| VIII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.7. L-assessjar jinkoraġġixxi lill-istudenti kollha biex jimxu 'l quddiem | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istudenti jifhmu għalfejn ikunu qegħdin jiġu assessjati. | | | | |
| II | Ir-rekords tal-kisbiet ta' l-istudenti jirriflettu l-ħiliet u l-għerf kollu ta' l-istudenti, bħal ħiliet fl-ICT u sistemi oħra ta' komunikazzjoni, passatempi u interessi, u esperjenża ta' xogħol. | | | | |
| III | L-assessjar dejjem isir b'mod formattiv biex b'hekk dan l-istess assessjar jgħin it-tagħlim ta' l-istudenti fl-iskola. | | | | |
| IV | Il-medda ta' l-assessjar użata tagħti lok lill-istudenti kollha biex juru l-ħiliet tagħhom. | | | | |
| V | Hemm opportunitajiet ta' assessjar tax-xogħol li jsir f'kollaborazzjoni ma' ħaddieħor. | | | | |
| VI | L-istaff jagħtu feedback dwar ix-xogħol ta' l-istudenti bħala rikonoxximent ta' dak li jkunu tgħallmu u indikazzjoni ta' x'għandhom jagħmlu wara. | | | | |
| VII | L-istudenti huma involuti fl-assessjar u fil-kummenti dwar l-istess tagħlim tagħhom. | | | | |
| VIII | Hemm immonitjar ta' dak li jkunu kisbu gruppi partikolari ta' tfal (subien/bniet/studenti li jkunu soċjalment żvantaġġjati/studenti b'xi diżabilitaċ) biex jiġu identifikati u indirizzati diffikultajiet partikolari li jinqalgħu. | | | | |
| IX | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.8 Id-dixxiplina fil-klassi hija mibnija fuq ir-rispett lejn xulxin | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Id-dixxiplina użata tinkoraġġixxi l-awto-dixxiplina. | | | | |
| II | L-istudenti huma nvoluti fl-iżvilupp tal-politika u proċeduri ta' dixxiplina fl-iskola. | | | | |
| III | L-istudenti huma nvoluti fil-formulazzjoni tar-reguli tal-klassi. | | | | |
| IV | Ir-rutini tal-klassi huma konsistenti u espliċiti. | | | | |
| V | L-istudenti jiġu kkonsultati kif tista' tiġi mtejba l-atmosfera tal-klassi. | | | | |
| VI | Hemm proċeduri ċari, miftiehma mill-istudenti u l-għalliema, dwar x'għandu jsir f'każ ta' mġieba diffiċli ħafna. | | | | |
| VII | L-istaff jaqsmu bejniethom it-tħassib li jista' jkollhom dwar skuntentizza u sfrattu fost l-istudenti u wkoll l-għerf u l-ħiliet tagħhom dwar kif jistgħu jiġu indirizzati. | | | | |
| VIII | Meta jkun hemm aktar minn adult wieħed fil-klassi, dawn jaqsmu bejniethom ir-responsabbiltajiet biex il-lezzjonijiet jimxu ħarir. | | | | |
| IX | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ċ.1.9 L-istudenti kollha jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' barra mill-klassi** | | | | | | |
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** | |
| I | L-iskola għandha għadd varjat ta' klabbs u attivitajiet li jappellaw għall-istudenti kollha. | | | | | |
| II | L-arranġamenti tat-trasport jgħinu lill-istudenti li jkunu joqogħdu 'l bogħod, jew li ma tantx ikunu jistgħu jiċċaqalqu b'ħeffa, biex jieħdu sehem f'dawk l-avvenimenti li jsiru wara l-ħin ta' l-iskola. | | | | | |
| III | L-istudenti kollha huma inkoraġġiti biex jieħdu sehem fil-mużika, id-drama u attivitajiet fiżiċi. | | | | | |
| IV | Hemm opportunitajiet għal bniet jew subien biex jieħdu sehem f'attivitajiet li fihom is-sess oppost ikollu dominanża (bħal ngħidu aħna fil-kompjuter). | | | | | |
| V | L-istudenti jiġu skoraġġiti milli jimmonopolizzaw l-ispażju fil-*playground* (ngħidu aħna għall-futbol). | | | | | |
| VI | L-istudenti jintgħallmu repertorju ta' logħob tal-*playground* li jista' jinkludi studenti b'medda differenti ta' ħiliet. | | | | | |
| VII | It-*trips* ta' l-iskola huma aċċessibbli għall-istudenti kollha fl-iskola, huma x'inhuma l-kisbiet jew diżabilitaċ tagħhom. | | | | | |
| VIII | L-istudenti kollha jingħataw l-opportunitaċ biex jieħdu sehem f'attivitajiet barra l-iskola. | | | | | |
| IX | Il-lezzjonijiet tal-PE, logħob u attivitajiet sportivi (fosthom jum l-isports) iħeġġu l-isport u s-saħħa fiżika fl-istudenti kollha. | | | | | |
| X | L-istudenti kollha jingħataw l-opportunitaċ biex jieħdu sehem f'attivitajiet li jgħinu u huma ta' siwi għall-komunitajiet lokali. | | | | | |
| XI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | | |

| Ċ.1.10. L-għalliema jippjanaw, jgħallmu u jagħmlu reviżjoni fi sħubija bejniethom | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-għalliema jippjanaw flimkien l-iskemi tax-xogħol għal-lezzjonijiet u l-*homework.* | | | | |
| II | L-għalliema jinvolvu rwieħhom f'lezzjonijiet li jsiru bi sħubija bejniethom. | | | | |
| III | Lezzjonijiet li jsiru bi sħubija bejn l-għalliema dejjem jintużaw bħala opportunitaċ biex wieħed/da jirrifletti ma' ħaddieħor dwar it-tagħlim ta' l-istudenti. | | | | |
| IV | L-għalliema jilqgħu b'idejhom miftuħa kummenti mill-kollegi tagħhom fuq, ngħidu aħna, kemm il-lingwa ta' istruzzjoni hija aċċessibli u kemm hi wiesgħa l-parteċipazzjoni ta' l-istudenti fl-attivitajiet. | | | | |
| V | L-għalliema jimmodifikaw it-tagħlim tagħhom bħala tweġiba għall-kummenti li jagħtuhom il-kollegi tagħhom. | | | | |
| VI | L-għalliema tal-klassi u staff ta' sapport jaħdmu flimkien ma' individwi, gruppi u l-klassi kollha. | | | | |
| VII | L-għalliema u staff ieħor li jaħdmu flimkien jipprovdu mudell ta' kollaborazzjoni għall-istudenti. | | | | |
| VIII | L-għalliema jaħdmu id f'id biex isolvu problemi flimkien meta jkunu mħassba dwar dwar il-progress ta' xi student/a jew gruppi ta' studenti. | | | | |
| IX | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.1.11. Il-faċilitaturi jippruvaw jgħinu fit-tagħlim ta' l-istudenti kollha | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Il-faċilitaturi huma involuti fl-ippjanar u r-reviżjoni tal-kurrikulu. | | | | |
| II | Il-faċilitaturi huma marbuta ma' klassi jew qasam kurrikulari aktar milli ma' xi studenti partikolari. | | | | |
| III | Il-faċilitaturi jhabirku biex iżidu l-parteċipazzjoni ta' l-istudenti kollha. | | | | |
| IV | Il-faċilitaturi jippruvaw jgħinu lill-istudenti jinqatgħu kemm jista' jkun mis-sapport dirett tagħhom. | | | | |
| V | Il-faċilitaturi jinkoraġġixxu s-sapport li studenti jistgħu jagħtu lil studenti oħra li jiltaqgħu ma' xi diffikultajiet fit-tagħlim. | | | | |
| VI | Il-faċilitaturi huma attenti li ma jfixklux ir-relazzjonijiet li studenti u żgħażagħ jista' jkollhom ma' sħabhom. | | | | |
| VII | Il-faċilitaturi jingħataw deskrizzjoni tax-xogħol tagħhom li tipprovdi l-parametri li fihom iridu jaqdu d-dmirijiet tagħhom. | | | | |
| VIII | Jingħataw widen għall-ideat tal-faċilitaturi dwar x'għandha tkun il-kwalitaċ tax-xogħol tagħhom. | | | | |
| IX | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

## Ċ.2 NIMMOBILIZZAW IR-RIŻORSI TA' L-ISKOLA BIEX L-ISTUDENTI KOLLHA JITGĦALLMU U JIPPARTEĊIPAW

| Ċ.2.1. Id-differenżi bejn l-istudenti jintużaw bħala riżorsa biex wieħed jgħallem u jitgħallem | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | L-istudenti huma mħeġġa biex jiġbru flimkien it-tagħrif tagħhom, ngħidu aħna, dwar irħula u ambjenti differenti fir-raħal jew dwar l-istejjer tal-familji. | | | | |
| II | L-istudenti jintgħallmu dwar dak li jistgħu jitgħallmu minn oħrajn ġejjin minn ambjenti u b'esperjenżi differenti. | | | | |
| III | Dawk l-istudenti li jkollhom iktar tagħrif u ħiliet f'xi oqsma partikolari jagħmluha ta' *tutors* għal dawk li jkunu jafu inqas minnhom. | | | | |
| IV | Hemm opportunitajiet għal studenti ta' etajiet differenti biex jgħinu lil xulxin. | | | | |
| V | Jintgħażlu tipi varjati ta' studenti biex jagħmluha ta' *tutors* għall-oħrajn. | | | | |
| VI | Kulħadd meqjus li għandu x'jgħallem ta' siwi għal ħaddieħor minħabba l-individwalitaċ tiegħu, hu x'inhu l-livell ta' tagħlim jew diżabilitaċ tiegħu jew tagħha. | | | | |
| VII | Dawk l-istudenti li jirnexxilhom jegħilbu xi problema jaqsmu l-frott ta' l-esperjenża tagħhom ma' l-oħrajn. | | | | |
| VIII | Hemm arranġamenti (bħal ngħidu aħna l-*buddy system*) biex jiġi assigurat li studenti b'IEN jingħataw sapport soċjali biex jistabbilixxu u jsostnu relazzjonijiet ta' ħbiberija ma' sħabhom. | | | | |
| IX | Ix-xkilijiet li xi studenti jista' jkollhom biex jitgħallmu u jipparteċipaw, bħal ngħidu aħna biex ikollhom aċċess fiżiku għal xi parti mill-bini jew għal xi aspett tal-kurrikulu, jintużaw bħala sfidi ta' taħbil il-moħħ u proġetti għall-istudenti kollha. | | | | |
| X | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.2.2. Ir-riżorsi ta' l-iskola jitqassmu b'mod ġust bil-għan li tiżdied l-inklużjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettqu ta' sikwit | Inwettqu bi kwalita' |
| I | Ir-riżorsi ta' l-iskola jitqssmu b'mod miftuħ u ekwu. | | | | |
| II | Hemm ċarezza dwar kif ir-riżorsi huma assenjati biex isostnu studenti ta' etajiet u ħiliet differenti. | | | | |
| III | Ir-riżorsi jintużaw biex jinkoraġġixxu tagħlim b'mod indipendenti. | | | | |
| IV | L-istaff ikun konxju tar-riżorsi li jkunu ddelegati lill-iskola biex isostnu studenti meqjusa bħala li għandhom ħtiġijiet edukattivi individwali (IEN). | | | | |
| V | Ir-riżorsi mogħtija biex isostnu l-IEN jintużaw biex iżidu l-kapaċitaċ ta' l-iskola biex twieġeb għad-diversita'. | | | | |
| VI | Ir-riżorsi ta' sapport jkunu diretti biex jitnaqqsu x-xkilijiet għat-tagħlim u l-parteċipazzjoni u biex titnaqqas il-kategorizzazzjoni ta' l-istudenti. | | | | |
| VII | L-iskola għandha rabtiet ma' skejjel fil-qrib għal skop ta' taħriġ kollaborattiv u l-użu tar-riżorsi. | | | | |
| VIII | L-istaff iqisu regolarment kif ikunu qegħdin jintużaw ir-riżorsi mogħtija lill-iskola biex dawn ikunu jistgħu jintużaw b'mod aktar flessibbli biex iwieġbu għall-ħtiġijiet dejjem jinbidlu ta' l-istudenti kollha. | | | | |
| IX | Il-faċilitajiet ta' l-iskola jkunu  jistgħu jintużaw f'attivitajiet minn gruppi oħra tal-komunitaċ. | | | | |
| X | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.2.3. Ir-riżorsi tal-komunitaċ huma magħrufa u użati | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | Jinżamm rekord aġġornat tar-riżorsi fil-lokalitaċ li jistgħu jgħinu biex jitgħallmu u jintgħallmu l-istudenti.<br><br>(Dan jista' jinkludi: mużewijiet, ċentri reliġjużi lokali, rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet u gruppi tal-komunitaċ, faċilitajiet tal-kunsilli lokali u tal-parroċċa, negozji tal-post, djar għax-xjuħ, servizzi tal-pulizija u protezzjoni ċivili, għaqdiet volontarji, faċilitajiet u ċentri sportivi, *playing fields* u ġonna, politikanti, *unions*, libreriji, ċentri ta' studji eċċ.) | | | | |
| II | Il-membri tal-komunitaċ lokali jikkontribwixxu għall-kurrikulu fl-iskola. | | | | |
| III | Il-ġenituri/kustodji u membri oħra jintużaw bħala sors ta' sapport fil-klassijiet. | | | | |
| IV | Adulti b'xi diżabilitaċ jkunu involuti biex jgħinu studenti fl-iskola. | | | | |
| V | In-nies li jkunu jaħdmu fil-madwar jagħmluha ta' *mentors* biex jgħinu studenti li jkollhom xi diffikultajiet. | | | | |
| VI | Isir użu minn dawk ir-riżorsi li wieħed isib f'xi djar, bħal ngħidu aħna xi materjal ta' riferenża, bħala sapport għat-tagħlim ta' l-istudenti kollha. | | | | |
| VII | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.2.4. Isir użu sħiħ mill-kompetenżi ta' l-istaff | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Indikaturi speċifiċi** | | **X'qed jiġri fl-iskola tagħna?** | | | |
| | | **Ma bdejniex** | **Bdejna** | **Inwettqu ta' sikwit** | **Inwettqu bi kwalita'** |
| I | L-istaff huma inkoraġġiti biex jaqsmu bejniethom kull għerf u l-ħila li għandhom għas-sapport tat-tagħlim, u ma jintrabtux biss mad-dmirijiet ta' l-impjieg tagħhom imniżżla formalment. | | | | |
| II | L-istaff huma inkoraġġiti biex jiżviluppaw l-għerf u l-ħiliet tagħhom. | | | | |
| III | Għalliema b'xi għerf u ħiliet partikolari joffru l-għajnuna tagħhom lill-oħrajn. | | | | |
| IV | Isir użu mid-differenżi fil-kultura u l-ambjenti li l-istaff ġejjin minnhom fl-iżvilupp tal-kurrikulu u fit-tagħlim. | | | | |
| V | Hemm opportunitajiet formali u informali għall-istaff biex jużaw il-kompetenżi speċjali ta' kull wieħed/da minnhom biex isolvu tħassib li jista' jkollhom dwar xi studenti. | | | | |
| VI | L-istaff jisfidaw l-assunżjonijiet ta' xulxin dwar xi jkun wassal għad-diffikultajiet li jkollhom l-istudenti. | | | | |
| VII | L-istaff joffru veduti alternattivi dwar it-tħassib tagħhom fuq xi studenti. | | | | |
| VIII | L-istaff jingħataw opportunitajiet biex jitgħallmu dwar metodi ġodda biex jindirizzaw il-ħtiġijiet edukattivi individwali ta' studenti li se jkollhom jew għandhom fil-klassi. | | | | |
| IX | L-istaff fl-iskola jitgħallmu minn prattika u esperjenża fit-tagħlim li jista' jkollhom staff ta' skejjel oħra. | | | | |
| X | Staff minn skejjel speċjali huma involuti biex jaqsmu l-kompetenżi tagħhom ma' l-istaff ta' l-iskola. | | | | |
| XI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

| Ċ.2.5. L-istaff jiżviluppa riżorsi biex isostni t-tagħlim u l-parteċipazzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Indikaturi speċifiċi | | X'qed jiġri fl-iskola tagħna? | | | |
| | | Ma bdejniex | Bdejna | Inwettq u ta' sikwit | Inwettq u bi kwalita' |
| I | L-għalliema jiżviluppaw u jaqsmu bejniethom riżorsi riċiklabbli għas-sapport tat-tagħlim. | | | | |
| II | L-istaff kollha jafu bir-riżorsi li għandha l-iskola biex isostnu l-lezzjonijiet li jagħtu. | | | | |
| III | Il-librerija ssostni tagħlim indipendenti. | | | | |
| IV | Il-librerija hija organizzata b'tali mod li ssostni t-tagħlim ta' kulħadd. | | | | |
| V | Fil-librerija hemm medda wiesgħa ta' kitba fittizja u mhijiex għal dawk kollha li jkunu qegħdin jitgħallmu, kemm bil-Malti kif bl-Ingliż, kif ukoll Braille u *tapes* għal studenti b'nuqqas ta' dawl. | | | | |
| VI | Hemm librerija tal-*videos* organizzata tajjeb. | | | | |
| VII | Il-kompjuters huma integrati fit-tagħlim kurrikulari kollu. | | | | |
| VIII | Hemm sistema biex isir użu effettiv mill-programmi edukattivi tat-televiżjoni fi ħdan l-istess kurrikulu. | | | | |
| IX | L-istaff jużaw b'mod effiċjenti l-*e-mail* u l-internet għas-sapport tat-tagħlim. | | | | |
| X | L-istudenti kollha jingħataw l-opportunitaċ biex jikkomunikaw ma' ħaddieħor fuq il-karti, bit-telefown u bl-*e-mail.* | | | | |
| XI | L-istudenti jużaw l-internet b'mod effiċjenti bħala għajnuna fix-xogħol ta' l-iskola u fil-*homework.* | | | | |
| XII | Il-*cassette recorders* jintużaw biex isostnu x-xogħol orali li jsir fil-kurrikulu kollu. | | | | |
| XIII | Opportunitajiet teknoloġiċi ġodda jiġu sfruttati meta jinkisbu, bħal ngħidu aħna, programmi li jagħrfu l-vuċi li jistgħu jservu bħala sapport għal studenti li għandhom diffikultaċ estrema biex jiktbu. | | | | |
| XIV | Il-*worksheets* jintużaw biss meta dawn ikunu jinftiehmu sewwa mill-istudenti u jestendu t-tagħlim ta' l-istudenti. | | | | |
| XV | Materjal tal-kurrikulu adattat, bħal ngħidu aħna b'tipi kbar jew *Braille,* jingħata faċilment lil studenti b'xi diżabilitaċ. | | | | |
| XVI | Indikaturi oħra (speċifika) . . . | | | | |

**Referenzi u kitbiet oħra siewja :**


Ainscow, M. (1999). *Understanding the development of inclusive schools.* London: Falmer Press.

Ballard, K. (1995). Inclusion paradigms, power and participation. In C. Clark, A. Dyson, & A. Millward (Eds.), *Towards inclusive schools?* London: Fulton.

Bartolo, P.A. (2001). Meeting the diversity of student needs: The development of policy and provisions for the education of children with disability in Malta. In R.G. Sultana (Ed.), *Yesterday's schools: Readings in Maltese educational history (pp.203-233).* Malta: PEG.

Bartolo, P.A. (2001). Recent developments in inclusive education in Malta. *Mediterranean Journal of Educational Studies*, *6(21),* 65-91.

Barton, L. (1993). Disability and special educational needs: Some perennial European concerns. *Education (Malta), 5,* 17-22.

Bezzina, F. (1993). *L-edukazzjoni speċjali f' Malta: Policy nazzjonali.* Malta: KNPD.

Booth, T., Ainscow, M, Black-Hawkins, K., Vaughan, M., & Shaw, L. (2000). *Index for inclusion: Developing learning and participation in schools.* Bristol: CSIE.

Booth, T., Ainscow, M. (2002). *Index for inclusion: Developing learning and participation in schools (Rev. ed.).* Bristol: CSIE.

Bunch, G. (1999). *Inclusion: How to: Essential classroom strategies.* Toronto: Inclusion Press.

Camilleri, J.M., & Callus, A., (2001). OUT OF THE CELLARS - Disability, politics and the struggle for change: the Maltese experience. In L. Barton (Ed.), *Disability, politics and the struggle for change (pp.79-92).* London: David Fulton Publishers.

*Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (2000).* (Issibha fuq l-internet: www.knpd.org)

Giangreco, M.F, Cloninger, C., & Salce Iverson, V. (1998). *Choosing outcomes and accommodations for children (COACH) (2nd ed.).* Baltimore: Paul H. Brookes.

Halvorsen, A.T., & Neary, T. (2001). *Building inclusive schools: Tools and strategies for success.* Boston: Allyn & Bacon.

Kochhar, C.A., West, L.L., Taymans, J.M. (2000). *Successful inclusion: Practical strategies for a shared responsibility.* New Jersey: Prentice Hall.

Ministeru ta' l-Edukazzjoni (1999). *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien: Kurrikulu Minimu Nazzjonali.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Ministeru ta' l-Edukazzjoni (2000). Inclusive education: Policy regarding students with a disability (mimeograph miktub mill-Ministerial Committee on Inclusive Education, 15.07.2000). Malta: Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Organisation for Economic Co-operation and Development (1999). *Inclusive education at work: Students with disabilities in mainstream schools.* Paris: OECD.

Working Group on Inclusive Education (2000). Inclusive Education. In J. Giordmaina (Ed.), *Proceedings: National Curriculum on its Way: A conference on the implementation of the National Curriculum Malta 9th-11th June 2000 (pp.25-46).* Malta: Ministry of Education.

Salend, S.J. (2001). *Creating inclusive classrooms: Effective and reflective practices (4th ed.).* New Jersey: Merrill Prentice Hall.

Thousand, J.S., Villa, R.A., Nein, A.I. & Stainback, S.B. (2001). *Creativity and collaborative learning: A practical guide to empowering students and teachers.* Baltimore: Paul H. Brookes.

Tilstone, C., Florian, L., & Rose, R. (Eds.) (1998). *Promoting Inclusive practice.* London: Routledge.

United Nations Educational and Scientific Organisation (1994). *The Salamanca Statement and Framework for Action on Special Needs Education, World Conference on special Needs Education.* Paris: UNESCO.